Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2024/2103(INI)

14.4.2025

EMENDI
361 - 685

Abbozz ta' rapport
Piotr Müller
(PE767.975v01-00)

L-akkwist pubbliku
(2024/2103(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 361
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist ***u r-riskji*** kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza ***u l-infurzar*** fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist***, ir-riskji*** kontinwi ta' ***abbużi,*** frodi u korruzzjoni***, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, ksur tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà u ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions***; ifakkar li l-favoritiżmu***, il-kunflitti ta' interess***, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u ***l-mekkaniżmi insuffiċjenti ta' sorveljanza, ta' infurzar u ta' sanzjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni pubblika*** jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku ***u l-ekwità***;

Or. en

Emenda 362
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist ***u*** r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ***ifakkar li***	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist ***u*** r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ***itenni l-***

l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	***importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-akkwist*** pubbliku; ***jappella f'dan il-kuntest għal trasparenza, integrità u obbligu ta' rendikont akbar tal-infiq pubbliku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel użu minn għodod u pjattaformi diġitali avvanzati biex iżżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-proċessi tal-akkwist pubbliku u tiskoraġġixxi l-prattiki ta' korruzzjoni;***
	Or. en

Emenda 363
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist ***u*** r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, ***il-kriterji*** tal-għażla ***mhux ċari jew preġudikati*** u ***l-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza ***u l-infurzar*** fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist***,*** ir-riskji kontinwi ta' ***abbużi,*** frodi u korruzzjoni***, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions;*** ifakkar li l-favoritiżmu, ***il-kriterju*** tal-għażla ***abbażi tal-prezz biss*** u ***l-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza***, infurzar u sanzjonijiet*** insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku ***u l-ekwità***;
	Or. en

Emenda 364
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. ***Jinsab imħasseb*** li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. ***Jinnota bi tħassib*** li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu ***sistemiku, l-eżiti politikament determinati minn qabel,*** il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza ***indipendenti*** insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku ***u joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni tas-suq u jżidu l-ispejjeż għall-kontribwenti***;

Or. en

Emenda 365
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati ***kostantament baxxi*** ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla ***mhux ċari*** jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza***, l-infurzar u l-kapaċità ta' segwitu tal-konformità*** fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti ***li jvarjaw ħafna***, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla ***ineffettivi*** jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza***, infurzar u sanzjonijiet*** insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku ***u l-aċċess ekwu tas-suq għalih***;

Or. en

Emenda 366
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati ***u l-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati***, il-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza insuffiċjenti ***u l-involviment eċċessiv tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-UE*** jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 367
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb ***li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà*** limitata għad-data ***dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku***;	10. Jinsab imħasseb ***għan-nuqqas kontinwu ta' trasparenza li jikkaratterizza, sa ċertu punt, is-settur tal-kuntratti pubbliċi; Din is-severità hija osservata, b'mod partikolari, fil-livelli persistenti u mhux sodisfaċenti ta' pubblikazzjoni tar-riżultati tas-sejħiet għall-offerti, fl-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà*** limitata għad-data ***relatata mal-proċeduri ta' akkwist u fil-preżenza tal-elementi strutturali li jistgħu jalimentaw fenomeni ta' amministrazzjoni ħażina***;

Or. it

Emenda 368
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, ***il-kriterji tal-għażla mhux ċari jew preġudikati u l-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;	10. Jinsab imħasseb li t-trasparenza fl-akkwist għadha inadegwata, kif muri mir-rati kostantament baxxi ta' pubblikazzjoni għall-għoti ta' kuntratti, l-aċċessibbiltà limitata għad-data dwar l-akkwist u r-riskji kontinwi ta' ***abbużi,*** frodi u korruzzjoni; ifakkar li l-favoritiżmu, ***il-mekkaniżmi*** ta' sorveljanza***, infurzar u sanzjonijiet*** insuffiċjenti jimminaw il-fiduċja fl-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 369
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jirrikonoxxi l-kapaċità distruttiva tal-atturi kriminali fl-akkwist pubbliku; jisħaq li offerent li l-uniku vantaġġ kompetittiv tiegħu huwa pagi aktar baxxi u kundizzjonijiet tax-xogħol inferjuri jissogra li jxekkel l-iżvilupp teknoloġiku u ambjentali kif ukoll fil-proċessi tal-akkwist u fis-suq uniku; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' trasparenza akbar biex tippermetti segwitu u kontroll sħiħ tal-proċess u d-deċiżjonijiet iżda wkoll biex jiġi żgurat li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jinżammu responsabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu introdotti rimedji xierqa biex jitrawmu trasparenza u integrità akbar bħad-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-akkwist pubbliku, pakketti ta' integrità li jippermettu sorveljanza ċivika, ifakkar fl-

importanza tal-protezzjoni tal-informaturi; jisħaq fuq il-ħtieġa li wieħed jaderixxi mal-ogħla standards u li jiġi rikjest il-blacklisting sistematiku ta' kumpaniji involuti f'imġiba ħażina, fil-livell nazzjonali u tal-UE bl-użu tal-pjattaforma EDES;

Or. en

Emenda 370
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku baqa' limitat minħabba n-nuqqas ta' ċertezza legali pprovduta lill-awtoritajiet kontraenti u l-biża' konsegwenti tagħhom ta' litigazzjoni u t-tendenza li jkomplu jagħtu kuntratti bbażati fuq l-aktar offerta baxxa kif indikat fir-Rapport Speċjali 28/2023 tal-QEA;

Or. en

Emenda 371
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas attwali tal-akkwist pubbliku ma jeskludix b'mod obbligatorju lill-kuntratturi pubbliċi minħabba raġunijiet bħal distorsjoni tal-kompetizzjoni, kunflitt ta' interess jew ksur tal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-

Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol;

Or. en

Emenda 372
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek, Virginie Joron, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Meta titħejja r-reviżjoni tad-direttivi għandu jitqies bilanċ ekwu bejn it-trasparenza u l-effiċjenza amministrattiva;

Or. en

Emenda 373
Christel Schaldemose

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	***imħassar***

Or. en

Emenda 374
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestrinġi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestrinġi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini; ***jitlob li jiġu adottati b'mod sistematiku l-kriterji kwalitattivi fil-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti, jiġifieri l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, sabiex ma jiġux penalizzati l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali lill-awtoritajiet kontraenti;*** ***jinnota wkoll li ħafna offerti, għalkemm ikkaratterizzati bħala bil-kriterju tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, dejjem jidhru li huma offerti bl-orħos offerta bi skontijiet kbar li kapaċi jħallu impatt, fit-tul, fuq il-kwalità tas-servizz ipprovdut; iqis li huwa neċessarju li jsir intervent fuq din il-prattika biex l-awtorità kontraenti tkun tista' tivverifika b'mod konkret is-sostenibbiltà tal-offerta ekonomika skont proċeduri ċari biex issegwi l-interess pubbliku fil-kwalità tas-servizz; ir-riżultat tas-sejħa għall-offerti jrid jiġi rrevokat meta l-ġudizzju negattiv dwar il-livell ta' affidabbiltà jikkonċerna elementi li, minħabba r-rilevanza u l-impatt ġenerali tagħhom, jagħmlu l-operazzjoni kollha ekonomikament mhux plawżibbli u mdgħajfa minn indikaturi strutturali ta' nuqqas ta' affidabbiltà fil-garanzija tal-eżekuzzjoni regolari tal-kuntratt li għandu l-għan li jikseb l-interess pubbliku;***

Or. it

Emenda 375
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li ***l-kuntratti*** pubbliċi għadhom ***jingħataw*** primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, ***li jirrestringi lill-awtoritajiet*** kontraenti ***milli jikkunsidraw*** fatturi addizzjonali ***bħall-innovazzjoni*** u r-rapport kwalità/prezz, ***li jwassal għal*** eżiti fit-tul mhux ottimali ***li mhumiex allinjati*** mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li ***x-xerrejja*** pubbliċi għadhom ***qed jagħtu l-kuntratti*** primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz ***minħabba taħriġ u riżorsi finanzjarji u umani insuffiċjenti; jixtieq li, l-awtoritajiet*** kontraenti ***jikkunsidraw*** fatturi addizzjonali ***bħas-sostenibbiltà ambjentali, impjiegi ta' kwalità u n-negozjar kollettiv, il-preferenza Ewropea u r-reżiljenza tal-Unjoni, l-innovazzjoni*** u r-rapport kwalità/prezz, ***biex jiffavorixxu akkwist pubbliku bbażat fuq il-kwalità minflok*** eżiti fit-tul mhux ottimali ***u b'mod ġenerali allinjat*** mal-interessi taċ-ċittadini ***u li jkollu impatt pożittiv fuq it-territorju***; ***jisħaq li dan jinkoraġġixxi kompetizzjoni mhux ekwa għad-detriment tal-kwalità, is-sostenibbiltà u l-istandards soċjali, li hija speċjalment perikoluża f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema fejn l-ispejjeż tal-persunal jikkostitwixxu sehem kbir mill-ispejjeż operatorji totali;***

Or. en

Emenda 376
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jenfasizza*** li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz***, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli***	11. ***Jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt*** li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz ***minkejja possibbiltajiet li jintużaw***

jikkunsidraw fatturi addizzjonali ***bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal*** għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	***kunsiderazzjonijiet kwalitattivi bħal kriterji innovattivi, ambjentali, soċjali u etiċi fl-ambitu tal-qafas leġiżlattiv attwali; jissottolinja li l-awtoritajiet kontraenti għandhom it-tendenza li jinjoraw kriterji*** addizzjonali ***minħabba nuqqas ta' ċertezza legali fl-użu tagħhom; jinkwieta li dan iwassal*** għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini; ***jisħaq li l-użu tal-kriterji tal-orħos prezz jipprevjeni li jitqiesu l-ispejjeż operatorji u l-użu tal-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, li jirriżulta f'valur ħażin għall-flus fit-tul għall-awtoritajiet tal-akkwist; jemmen li r-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku għandha tiċċara l-kunċett tar-"rabta mas-suġġett";***

Or. en

Emenda 377
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, ***u kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali,*** li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini***, pressjoni 'l isfel fuq il-kostijiet lavorattivi u n-negozjar kollettiv, u sussegwentement anke l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi għall-ħaddiema fl-ambitu ta' kuntratti pubbliċi; jinsab imħasseb li din is-sitwazzjoni hija detrimentali b'mod ġenerali għall-iżvilupp tas-suq intern li jirfed ekonomija soċjali***

tas-suq kompetittiva u ekwa;

Or. en

Emenda 378
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw ***primarjament*** abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, ***li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw*** fatturi ***addizzjonali*** bħall-innovazzjoni ***u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;***	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw ***f'ċerti każijiet*** abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz ***fil-fażi tal-proċess tal-għoti minħabba li ġew ikkunsidrati fatturi addizzjonali fil-kriterji tal-għażla***, ***speċifikazzjonijiet tekniċi, referenzi għal standards u tikketti jew kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt; jinnota li, fil-preżent,*** l-awtoritajiet ***kontraenti pubbliċi diġà għandhom l-għażla li jikkunsidraw*** fatturi bħall-innovazzjoni***, is-sostenibbiltà, u l-kunsiderazzjonijiet soċjali, fuq bażi volontarja u skont id-deċiżjoni tagħhom, kif espliċitament permess mid-direttivi tal-2014***;

Or. en

Emenda 379
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-

innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini; ***iwissi li enfasi żejda fuq kriterji bbażati fuq il-prezz għal terminu qasir fl-akkwist iddgħajjef is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fit-tul, u tista' saħansitra toħloq riskji għas-sigurtà, b'mod partikolari f'setturi li jinvolvu infrastruttura kritika jew is-sigurtà nazzjonali;***
	Or. en

Emenda 380
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini; ***jisħaq li l-kriterju tal-għoti għandu jkun ibbażat fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża bi kriterji ta' kalkolu li jinkludu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali;***
	Or. en

Emenda 381
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, ***li jixpruna kif xieraq il-kompetizzjoni tas-suq u jiżgura d-dixxiplina fiskali fl-infiq tal-gvern;*** li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;
	Or. en

Emenda 382
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, ***kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi ġusti permezz ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv,*** li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;
	Or. en

Emenda 383
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali ***lil hinn mill-prezz, bħall-preferenza Ewropea, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà***, l-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 384
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħal ***klawżoli soċjali, klawżoli dwar is-sostenibbiltà,*** l-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 385
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi

għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini ***tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 386
Regina Doherty, Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li ***l-kuntratti*** pubbliċi ***għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini***;	11. Jenfasizza li ***l-għoti ta' kuntratti*** pubbliċi ***għandu jfittex li jikseb valur għall-flus filwaqt li jippromwovi benefiċċji ekonomiċi fit-tul, inkluż billi jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-kuntratt kollu tiġi evalwata fuq bażi ta' valur għall-flus***;

Or. en

Emenda 387
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jenfasizza*** li ***l-kuntratti*** pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li	11. ***Jiddeplora*** li***, f'ċerti setturi, il-kuntratti*** pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, ***filwaqt*** li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport

jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

Or. it

Emenda 388
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jenfasizza*** li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi lill-awtoritajiet kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

Or. fr

Emenda 389
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi ***lill-awtoritajiet*** kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;	11. Jenfasizza li l-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw primarjament abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz, li jirrestringi ***lill-entitajiet*** kontraenti milli jikkunsidraw fatturi addizzjonali bħall-innovazzjoni u r-rapport kwalità/prezz, li ***jista'*** jwassal għal eżiti fit-tul mhux ottimali li mhumiex allinjati mal-interessi taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 390
Johan Danielsson, Adnan Dibrani, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li d-direttiva ma tipprovdix lill-awtoritajiet kontraenti biżżejjed għodod biex jipprevjenu b'mod effettiv l-infiltrazzjoni kriminali, l-isfruttament tal-ħaddiema u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi, u f'xi każijiet saħansitra tfixkel lill-awtoritajiet li jixtiequ jieħdu miżuri proattivi; jenfasizza li dawn in-nuqqasijiet mhux biss jissugraw li jidderieġu r-riżorsi pubbliċi lejn netwerks kriminali iżda jqajmu wkoll tħassib kritiku dwar is-sigurtà billi potenzjalment jagħtu lil atturi mhux xierqa jew malizzjużi aċċess għal postijiet tax-xogħol sensittivi, infrastruttura strateġika u servizzi pubbliċi essenzjali;

Or. en

Emenda 391
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jitlob li, meta jingħataw kuntratti, tiġi kkunsidrata l-proporzjonalità bejn id-daqs tal-kuntratt u l-istruttura tal-kumpanija, skont l-għadd ta' ħaddiema, il-ħiliet speċifiċi meħtieġa, il-fatturat u t-tagħmir meħtieġ; jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-kumpaniji jiġu vvalutati wkoll abbażi ta' kuntratti preċedenti mogħtija lilhom, anke mill-perspettiva tad-drittijiet tal-

ħaddiema; jirrakkomanda valutazzjoni pożittiva għall-attivitajiet interni u jisħaq li trid tiġi ppreżervata l-kontinwità tax-xogħol fil-każ ta' bidliet fil-kuntratti;

Or. en

Emenda 392
Regina Doherty, Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq, li l-objettiv primarju tal-akkwist għandu jibqa' ffukat fuq l-iżgurar tal-valur għall-flus, il-kompetizzjoni, u t-trasparenza, mingħajr ma jirrestringi bla bżonn il-kapaċità tal-kumpaniji li jikkompetu fuq bażi ugwali; jissottolinja bil-qawwa li l-akkwist pubbliku ma għandux jintuża biex jiġu imposti pożijiet eċċessivi fuq in-negozji jew biex jiġu ffavoriti mudelli speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali, bħan-negozjar kollettiv, li jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u jimminaw il-prinċipju ta' kundizzjonijiet ġusti;

Or. en

Emenda 393
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Josserva li l-akkwist pubbliku jsofri minn nuqqas persistenti ta' interess minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

(SMEs), minkejja l-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari minħabba dewmien rikorrenti fil-ħlas, nuqqas ta' ċarezza u leġibbiltà tal-avviżi ta' sejħiet għal offerti nazzjonali u Ewropej, kif ukoll nuqqas ta' trasparenza fil-proċeduri tal-għażla tal-kandidati, li joħloq sens ta' nuqqas ta' trasparenza fil-proċess;

Or. en

Emenda 394
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jinnota li l-awtonomija tal-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet lokali u l-awtoritajiet li jipprovdu servizzi ta' interessi ġenerali, trid dejjem tkun rispettata bis-sħiħ; il-provvista pubblika ta' servizzi, is-sħubijiet pubbliċi/pubbliċi kif ukoll il-provvista interna ta' servizzi jridu jibqgħu għażla valida u ma tridx titpoġġa taħt pressjoni, jitqiegħdu taħt pressjoni, inkluża l-esklużjoni espliċita ta' "sejħiet għall-offerti kompetittivi kompulsivi";

Or. en

Emenda 395
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi lokali,

jibqgħu awtonomi, speċjalment fir-rigward tal-libertà tal-għażla, u jitlob li jiġi rispettat dan il-prinċipju; iżid jgħid li r-reviżjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku għandha tissalvagwardja l-għażliet f'dan is-sens, bħall-provvista pubblika ta' servizzi, shubijiet pubbliċi-pubbliċi u l-provvista interna ta' servizzi;

Or. en

Emenda 396
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Iwissi kontra l-integrazzjoni ta' obbligi ta' sostenibbiltà speċifiċi għas-settur direttament fid-direttivi dwar l-akkwist, filwaqt li jinnota li tali objettivi diġà qed jiġu indirizzati permezz ta' leġiżlazzjoni settorjali; jisħaq li l-liġi dwar l-akkwist għandha tibqa' proċedurali u ma ġġorrx il-piż tal-ilħuq ta' miri politiċi ġenerali;

Or. en

Emenda 397
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-kompetizzjoni fil-prezz, meta ssir permezz ta' proċessi ta' offerti miftuħa u ġusti, naturalment twassal innovazzjoni u titjib fil-kwalità mingħajr il-ħtieġa ta' oqfsa regolatorji kumplessi li jgħabbu kemm lin-negozji kif ukoll lill-

kontribwenti bi spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa;

Or. en

Emenda 398
Christel Schaldemose

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11a. Iqis li l-prattika prevalenti ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz tagħti lok għal offerti anormalment baxxi u tikkontribwixxi għal dumping soċjali u kompetizzjoni inġusta li tpoġġi lill-kumpaniji li jinvestu f'kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fi żvantaġġ;**

Or. en

Emenda 399
Johan Danielsson, Adnan Dibrani, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11b. Jinnota bi tħassib li d-Direttiva attwali toħloq inċertezza tad-dritt rigward sa liema punt l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jipprevjenu l-infiltrazzjoni kriminali u l-isfruttament tal-ħaddiema fl-akkwist pubbliku; jenfasizza b'mod partikolari n-nuqqas ta' ċarezza dwar jekk l-Istati Membri humiex permessi li jillimitaw is-sottokuntrattar f'setturi ta' riskju għoli, minkejja r-riskji dokumentati sew assoċjati ma' ktajjen ta' sottokuntrattar twal u mhux trasparenti; jissottolinja li din l-inċertezza wasslet għal**

xenarju legali frammentat madwar l-Unjoni kollha, b'firxa wiesgħa ta' approċċi leġiżlattivi u l-ebda konferma ċara mill-Kummissjoni dwar il-permissibbiltà ta' tali restrizzjonijiet skont id-dritt tal-Unjoni; jisħaq li din l-ambigwità timmina ċ-ċertezza tad-dritt għall-awtoritajiet kontraenti u ddgħajjef il-kapaċità tal-Istati Membri li jaġixxu b'mod deċiżiv kontra l-abbuż fis-sistemi tal-akkwist;

Or. en

Emenda 400
Christel Schaldemose

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jesprimi tħassib qawwi dwar rapporti mill-ELA u mis-sħab soċjali li skonthom kuntratti pubbliċi mogħtija abbażi tal-orħos prezz joħolqu inċentivi għall-kumpaniji biex inaqqsu l-ispejjeż fuq il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza (OSH); iqis li l-prattika prevalenti ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz tagħti lok għal offerti anormalment baxxi u tikkontribwixxi għal dumping soċjali u kompetizzjoni inġusta li tpoġġi lill-kumpaniji li jinvestu f'kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fi żvantaġġ;

Or. en

Emenda 401
Klara Dostalova, Elisabeth Dieringer, Jaroslav Bžoch, Filip Turek, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jisħaq li l-akkwist tas-settur pubbliku jkompli jagħti prijorità lill-minimizzazzjoni tal-ispejjeż, b'kuntratti mogħtija l-aktar lill-offerenti l-aktar baxxi, minkejja tħassib potenzjali dwar il-valur, il-kwalità, u l-effettività fit-tul ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' xiri;

Or. en

Emenda 402
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ambiti li jistgħu jitjiebu	***imħassar***

Or. en

Emenda 403
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta'	***imħassar***

dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;

Or. en

Emenda 404
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, ***madankollu***, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri***, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti***;	12. ***Jappoġġja d-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku ***biex jiġi żgurat li l-akkwist li jrawwem il-kompetizzjoni transfruntiera jkun immirat b'mod adegwat***; jenfasizza, ***barra minn hekk***, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi ***fuq l-operaturi ekonomiċi*** u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ***tal-offerti, elementi li jkomplu jirrappreżentaw wieħed mill-ostakli ewlenin għall-parteċipazzjoni effettiva fis-suq tal-akkwist, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; in-natura kkumplikata tal-proċeduri, ikkaratterizzata minn kumplessità teknika u legali kbira, flimkien mal-preżenza tal-obbligi amministrattivi li xi kultant ikunu sproporzjonati għall-valur tal-kuntratt, tikkostitwixxi waħda mill-kwistjonijiet kritiċi ewlenin fis-settur tal-akkwist pubbliku, elementi li jikkompromettu l-effiċjenza u r-rapidità tal-proċeduri tal-għoti, jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi żgħar u jiddeterminaw, fil-perspettiva, tnaqqis konsiderevoli tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-kwalità tal-kuntratt u b'żieda konsegwenti fil-kostijiet għall-awtoritajiet kontraenti***;

Or. it

Emenda 405
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Gheorghe Falcă, Dirk Gotink, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku***; ***jenfasizza,*** madankollu***, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi***; ***jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;***	12. Jieħu nota ***li bħalissa hemm domanda qawwija għall-aġġornament tal-limiti fid-dawl taż-żieda sinifikanti fl-inflazzjoni u fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni fl-UE, li tħeġġeġ żieda fil-limiti għal kuntratti pubbliċi għal provvisti u servizzi li jilħqu valur ta' EUR 750 000 u għall-kuntratti tal-kostruzzjoni li jilħqu valur ta' EUR 10 000 000***; ***is-servizzi ta' ppjanar għandhom jaqgħu taħt ir-reġim speċjali diġà stabbilit għal "servizzi soċjali u oħrajn speċifiċi," b'limitu ta' EUR 750 000; dan jiżgura flessibbiltà u effiċjenza akbar fil-proċess ta' akkwist għal dawn it-tipi ta' servizzi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi żieda fil-limiti fil-livell internazzjonali; jinnota f'dan il-kuntest li ħafna offerti ma għadhomx rilevanti għas-suq intern Ewropew, anke jekk jilħqu l-limitu attwali tal-UE;*** madankollu, ***għall-offerenti nazzjonali, proċeduri ta' akkwist madwar l-UE kollha jistgħu jimponu piż amministrattiv sproporzjonatament ogħla***;

Or. en

Emenda 406
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; ***jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza*** li ***l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;***	12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; ***jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-valuri tal-limiti attwali għall-akkwist pubbliku tal-UE li qed jiżdiedu relatati max-xogħlijiet, il-provvisti u s-servizzi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra li żżid il-limiti msemmija; jemmen li limiti ogħla jistgħu jippermettu aktar akkwist fil-livell lokali, isaħħu l-ekonomiji lokali u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-sostenibbiltà; jisħaq*** li ***ċerti salvagwardji u kundizzjonijiet jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta jiżdiedu l-limiti msemmija, bħar-rapportar mill-Istati Membri tal-informazzjoni meħtieġa dwar l-offerti taħt il-limiti, f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-akkwist pubbliku, sabiex tinżamm it-trasparenza u tingħata informazzjoni intuwittiva aħjar dwar is-swieq tal-akkwist pubbliku;***
	Or. en

Emenda 407
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku;*** jenfasizza, ***madankollu,*** li r-reviżjoni għandha ***minflok*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;***	12. Jenfasizza li r-reviżjoni għandha tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi;
	Or. en

Emenda 408
Ernő Schaller-Baross, Virginie Joron, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***minflok*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;***	12. ***Jilqa' d-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku ***biex jiġi żgurat li jiġu mmirati kif xieraq l-akkwisti li se jrawmu l-kompetizzjoni transfruntiera***; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***primarjament*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra li żżid il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet, bħala mezz biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-akkwist f'setturi kritiċi;***

Or. en

Emenda 409
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti***;	12. ***Iqis li, minħabba l-proporzjon għoli ta' kuntratti mogħtija lil kumpaniji kbar, il-kuntratti kbar għandhom jiġu sseparati sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità, tal-prezz u taż-żmien għall-konsenja u jaċċessaw dawn il-kuntratti wkoll***;

Or. ro

Emenda 410
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jieħu nota tad-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***minflok*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti***;	12. ***Jappoġġja d-dibattitu*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku ***biex jiġi żgurat li l-akkwist maħsub biex irawwem il-kompetizzjoni transfruntiera jkun immirat kif suppost***; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha tiffoka ***wkoll*** fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***jistieden lill-Kummissjoni tgħolli l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Akkwist fis-setturi speċjali, bħala miżura ta' simplifikazzjoni għas-setturi kruċjali***;

Or. it

Emenda 411
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza ***madankollu,*** li r-reviżjoni għandha ***minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet*** amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri***, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-***	12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza li r-reviżjoni għandha ***tnaqqas*** il-piżijiet amministrattivi ***bla bżonn*** u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri***; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa u l-proporzjonalità li testendi l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin ta' direttivi jew regolamenti futuri għal proċeduri ta' akkwist li jaqgħu taħt***

limiti;	***il-limiti tal-UE, sabiex jiġu żgurati koerenza, trasparenza u effikaċja akbar fil-livelli kollha tal-akkwist pubbliku;***

Or. en

Emenda 412
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;	12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, ***l-ixprunar tal-kompetittività*** u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti***, li l-akkwist pubbliku jrid jibqa' mmexxi mis-suq, li jiżgura kompetizzjoni ġusta u opportunitajiet ugwali għall-forniturikollha***;

Or. en

Emenda 413
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza***, madankollu, li r-reviżjoni għandha minflok tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-***	12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza ***li ż-żieda fil-limiti tagħti lill-awtoritajiet kontraenti indipendenza u possibbiltajiet akbar biex***

simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li ***l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;***

jagħtu kuntratti abbażi tal-ħtiġijiet lokali; jenfasizza li ***l-limiti miżjuda jeħtieġu livelli għoljin ta' trasparenza***;

Or. en

Emenda 414
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***minflok*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***jenfasizza*** li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet ***jelimina l-ħtieġa*** għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;	12. Jieħu nota tad-dibattitu ***parallel*** li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; ***huwa tal-fehma*** li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet ***inaqqas il-ħtieġa*** għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;

Or. en

Emenda 415
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***minflok*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li	12. Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej dwar l-aġġornament tal-limiti tal-akkwist pubbliku; jenfasizza, madankollu, li r-reviżjoni għandha ***primarjament*** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, peress li

dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;	dawn jibqgħu l-kawża ewlenija ta' ħafna sfidi; jenfasizza li l-indirizzar effettiv ta' dawn il-kwistjonijiet jelimina l-ħtieġa għal diskussjoni dwar l-aġġustamenti tal-limiti;

Or. en

Emenda 416
Klara Dostalova, Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrikonoxxi l-ħtieġa kritika li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-limiti tal-akkwist pubbliku; jeżiġi azzjoni immedjata biex jiġu aġġornati dawn il-limiti skaduti li bħalissa jġiegħlu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jinnavigaw proċeduri burokratiċi kumplessi għal kuntratti anke żgħar; jenfasizza li filwaqt li hija meħtieġa simplifikazzjoni amministrattiva, hija insuffiċjenti mingħajr żidiet sostanzjali fil-limiti li jippermettu lil dawk li joħolqu l-impjiegi jiffokaw fuq l-innovazzjoni aktar milli fuq il-burokrazija; jinsisti li ż-żieda ta' dawn il-limiti tirrappreżenta soluzzjoni bbażata fuq is-suq li tnaqqas l-interferenza tal-gvern, u tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità;

Or. en

Emenda 417
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jenfasizza li r-reviżjoni tad-direttivi dwar l-akkwist għandha tmur lil hinn mis-sempliċi żieda tal-valuri ta' limitu u għandha tagħti prijorità lit-tnaqqis sostanzjali tal-piżijiet amministrattivi u lis-simplifikazzjoni proċedurali, peress li ħafna sfidi jirriżultaw mir-rekwiżiti kumplessi żżejjed u li jieħdu ħafna ħin imposti fuq l-awtoritajiet kontraenti;

Or. en

Emenda 418
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq l-importanza li jinżammu l-limiti attwali tal-akkwist tal-UE biex jiġu ppreżervati l-garanziji legali għall-aċċess għas-suq, il-parteċipazzjoni transfruntiera u t-trasparenza; jinnota li l-aġġustamenti fil-limiti jissugraw li jkomplu jifframmentaw l-approċċi nazzjonali u jnaqqsu l-opportunitajiet għall-SMEs;

Or. en

Emenda 419
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iqis essenzjali li l-Istati Membri janalizzaw b'mod sistematiku d-data dwar l-akkwist b'mod komprensiv u strutturat sabiex jidentifikaw u jindirizzaw il-kawżi

fundamentali sottostanti tat-tnaqqis fil-kompetizzjoni u l-ineffiċjenzi fil-proċessi tal-akkwist;

Or. en

Emenda 420
Andreas Schwab, Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jitlob lill-UE tippromwovi fil-livell tad-WTO l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu li jqis ir-rati tal-inflazzjoni meta jiġu aġġustati l-limiti tal-GPA;

Or. en

Emenda 421
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jinnota li filwaqt li sitt proċeduri ta' akkwist differenti jipprevedu l-flessibbiltà meħtieġa, xi whud minnhom bilkemm huma użati, bħal sħubijiet ta' innovazzjoni, minħabba l-kumplessità u l-ostakli burokratiċi;

Or. en

Emenda 422
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 423
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 424
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 425
Pablo Arias Echeverría

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-użu dejjem akbar ta' entitajiet strumentali, konsorzji u entitajiet tad-dritt privat bħala mekkaniżmi ta' akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi, sabiex jiġi evitat li dawn l-iskemi jintużaw biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' regoli komuni dwar l-akkwist pubbliku;***

Or. es

Emenda 426
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju; ***jisħaq li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku għall-Impriżi Pubbliċi għandhom ikunu allinjati aħjar mal-prattiki kummerċjali u jiżguraw l-akbar flessbbiltà possibbli biex jiġu pprevenuti restrizzjonijiet bla bżonn, inflazzjoni tal-ispejjeż, u dewmien f'setturi kritiċi, bħall-enerġija u l-utilità;***

Or. en

Emenda 427
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Huwa favur*** distinzjoni ***aktar ċara*** bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif ***jirrikonoxxi*** li ***dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju***;	13. ***Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta'*** distinzjoni ***ċara*** bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi***; jissottolinja*** li ***l-libertà u l-awtonomija tal-awtoritajiet pubbliċi jridu jiġu salvagwardjati u rispettati dejjem***; ***jisħaq li l-provvista diretta ta' servizzi mill-awtoritajiet pubbliċi jew lokali, il-provvista interna tas-servizzi, is-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi huma u jridu jibqgħu għażliet disponibbli u ma jitpoġġux taħt pressjoni;***

Or. en

Emenda 428
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju;	13. Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi pubbliċi, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju; ***jisħaq li l-impriżi pubbliċi jeħtiġilhom ikunu soġġetti għall-istess prinċipji ta' akkwist biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u prevenuti distorsjonijiet tas-suq;***

Or. en

Emenda 429
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Huwa favur distinzjoni aktar ċara bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi*** pubbliċi***, hekk kif jirrikonoxxi li dawn tal-aħħar spiss jipparteċipaw fi proġetti mmexxija min-negozju***;	13. ***Iqis li huwa meħtieġ li jiġi previst rekwiżit li l-benefiċjarji kbar ta' kuntratti*** pubbliċi ***jħallsu lis-sottokuntratturi f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħlas Tard, fi 30 jum***;

Or. ro

Emenda 430
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Ifakkar bi tħassib li għadd sinifikanti ta' operaturi ekonomiċi esperjenzaw esklużjoni mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku minħabba irregolaritajiet formali żgħar fl-offerti tagħhom, mingħajr ma ngħataw l-opportunità li jirrimedjaw tali difetti, kemm jekk fi proċeduri miftuħa kif ukoll negozjati; jissottolinja li din il-prattika hija ta' detriment kemm għall-operaturi ekonomiċi, li setgħu investew ħin u riżorsi konsiderevoli fit-tħejjija tal-offerti tagħhom, kif ukoll għall-awtoritajiet kontraenti, li jistgħu jkunu mġiegħla potenzjalment jeskludu l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża minħabba raġunijiet purament formali; jisħaq li tali formaliżmu riġidu jimmina l-effikaċja, l-effiċjenza u l-kompetittività tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku; jappella għalhekk li jiġi stabbilit prinċipju ġenerali li jippermetti r-regolarizzazzjoni jew il-kjarifika ta' irregolaritajiet żgħar, dment

li dan ma jinvolvix modifika sostanzjali tal-offerta, u jinsisti li dan il-prinċipju għandu jkun ir-regola aktar milli l-eċċezzjoni;

Or. en

Emenda 431
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess sħiħ għas-suq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku u dwar il-konċessjonijiet biex tillimita l-possibbiltà li jingħataw kuntratti jew konċessjonijiet lil kumpaniji interni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi introdott l-obbligu li tintwera l-kompetittività effettiva tal-għoti intern f'termini tal-kwalità jew tal-prezz tal-oġġetti u s-servizzi pprovduti; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata applikazzjoni bbilanċjata tal-prinċipju tal-kontroll konġunt simili minn aktar minn awtorità kontraenti waħda, biex jiġu evitati każijiet ta' kontroll "frammentat" fuq il-kumpaniji interni u l-għotjiet interni f'"kaskata", li jillimitaw l-aċċess għas-suq u joħolqu distorsjoni fil-kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji privati;

Or. it

Emenda 432
Adnan Dibrani, Christel Schaldemose, Johan Danielsson, Maria Guzenina

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza l-importanza li tiġi introdotta aktar flessibbiltà fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-possibbiltà li jsiru modifiki essenzjali matul il-fażi tas-sejħa għall-offerti mingħajr il-ħtieġa ta' kanċellazzjoni sħiħa; jirrimarka li anke żbalji żgħar fid-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti, li ma jħallux impatt fuq il-qalba tal-kuntratt jew jikkompromettu l-kompetizzjoni ġusta, bħalissa jistgħu jġiegħlu lill-awtoritajiet kontraenti jirtiraw is-sejħa għall-offerti minħabba t-theddida ta' tilwim legali, li jirriżulta f'dewmien evitabbli, spejjeż ogħla u tfixkil potenzjali fil-forniment tas-servizz; jenfasizza li l-possibbiltà li jsiru aġġustamenti raġonevoli għad-dokumenti tal-offerti f'nofs il-proċess ittejjeb l-effiċjenza proċedurali, tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tappoġġja użu aktar effettiv tar-riżorsi pubbliċi;

Or. en

Emenda 433
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jappella għal kjarifika li fis-"suġġett" ta' kuntratt pubbliku, irid jiġi żgurat li r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema, id-dritt ta' negozjar kollettiv u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti jistgħu dejjem jitqiesu bħala rekwiżit rilevanti; irid jiġi inkluż kriterju ta' għoti obbligatorju sinifikanti marbut man-negozjar kollettiv, inkluż l-għoti ta' vantaġġ lill-offerenti li l-ħaddiema tagħhom (u l-ħaddiema tas-

sottokuntratturi) huma koperti minn ftehimiet kollettivi; l-operaturi ekonomiċi li kisru d-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions għandhom jiġu esklużi mill-proċessi ta' akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 434
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Huwa favur l-adozzjoni sistematika tal-kriterji kwalitattivi fil-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti, bħall-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, biex jiġi evitat li jiġu penalizzati l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll biex tiġi pprovduta aktar ċertezza legali lill-awtoritajiet kontraenti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi introdott l-obbligu li tintwera l-kompetittività effettiva, f'termini tal-kwalità jew tal-prezz, tal-kuntratti interni, sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u jiġu pprevenuti d-distorsjonijiet tas-suq;

Or. it

Emenda 435
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Dirk Gotink, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li teżenta l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi għall-fini ta' twettiq

effiċjenti tal-kompiti (kooperazzjoni pubblika-pubblika) mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist, mingħajr aktar kundizzjonijiet restrittivi; il-kooperazzjoni pubblika-pubblika se tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġi żgurat li l-proċessi ta' trasformazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni u t-tibdil fil-klima, li se jseħħu madwar l-Ewropa fis-snin li ġejjin, ikunu jistgħu jiġu ġestiti b'suċċess;

Or. en

Emenda 436
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Huwa favur aktar flessibbiltà fil-kooperazzjoni pubblika-pubblika, li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jikkollaboraw b'mod aktar effiċjenti biex itejbu l-provvista tas-servizz u jiksbu ffrankar tal-ispejjeż; jitlob li jiġi rivedut l-kunċett tad-direttiva attwali ta' kooperazzjoni pubblika-pubblika, bil-kooperazzjoni tiġi rikonoxxuta fid-direttiva riveduta bħala kwalunkwe kuntratt jew ftehim konklużi bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar, b'eżenzjoni usa' għall-kooperazzjoni pubblika-pubblika;

Or. en

Emenda 437
Pierfrancesco Maran, Brando Benifei, Cecilia Strada, Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li l-awtoritajiet kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jeskludu offerta, jekk ikollhom raġunijiet biex jemmnu li hija anormalment baxxa u ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmija fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-Akkwist Pubbliku; jissuġġerixxi li l-oneru tal-prova għandu jitpoġġa fuq l-offerent ikkonċernat f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 438
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iqis li l-appoġġ finanzjarju kollu tal-UE lill-impriżi relatati mal-akkwist għandu jkun soġġett għall-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjiegi applikabbli u/jew mal-obbligazzjonijiet ta' min iħaddem li jirriżultaw mill-ftehimiet kollettivi rilevanti;

Or. en

Emenda 439
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jippromwovi kompetizzjoni ġusta

fost l-offerenti billi jiġi żgurat li l-kriterji ta' akkwist ma jpoġġux f'pożizzjoni sproporzjonatament żvantaġġata lill-parteċipanti ġodda, l-SMEs u n-negozji innovattivi, filwaqt li jrawmu d-diversità tas-suq u l-prezzijiet kompetittivi;

Or. en

Emenda 440
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Id-Dimensjoni Soċjali tal-Akkwist Pubbliku

Or. en

Emenda 441
Pierfrancesco Maran, Brando Benifei, Cecilia Strada, Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Ifakkar li ktajjen ta' sottokuntrattar twal u kumplessi huma korrelatati b'mod qawwi mal-proliferazzjoni ta' xogħol mhux iddikjarat, l-isfruttament tal-ħaddiema, id-dumping tal-pagi, u l-erożjoni ta' standards tax-xogħol ekwi kif ukoll riskji akbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; jissottolinja li ktajjen ta' sottokuntrattar twal u kumplessi fl-akkwist pubbliku jimminaw il-kontrolli tal-awtoritajiet u jnaqqsu l-obbligu ta' rendikont tal-kuntratturi primarji;

jappella għalhekk għal limitazzjoni tas-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli jew anqas bħala regola ġenerali biex jitnaqqsu r-riskji; jisħaq li limitazzjoni bħal din għadha tħalli lok għall-involviment ta' għarfien espert speċjalizzat għal kompiti speċifiċi, jekk ikun meħtieġ; jappella għal responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar u għal trattament ugwali tal-ħaddiema kollha irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fil-katina;

Or. en

Emenda 442
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li r-reviżjoni li jmiss tal-akkwist pubbliku twaqqaf l-għażla li jingħataw kuntratti pubbliċi abbażi tal-prezz biss (l-aktar prezz baxx); jirrikonoxxi, madankollu, is-sejbiet tal-istudju tal-Parlament Ewropew "li mhuwa possibbli li tiġi determinata l-ebda korrelazzjoni diretta bejn l-użu tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża u l-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali u tal-impjiegi, u lanqas bejn l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża u l-preżenza ta' aspetti soċjali f'offerta"; jappella għalhekk għall-applikazzjoni obbligatorja tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża dejjem flimkien ma' kriterji soċjali obbligatorji u klawżoli tax-xogħol sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, kompetizzjoni ġusta u impjiegi ta' kwalità mirfuda minn negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 443
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jenfasizza li r-riforma tal-2014 tirrikonoxxi b'mod espliċitu d-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jipprovdu u jorganizzaw is-servizzi tagħhom b'mod indipendenti permezz tal-istituzzjonijiet, in-negozji jew l-impriżi pubbliċi tagħhom stess; dan id-dritt jinkludi l-libertà għall-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu jekk iwettqux il-kompiti tagħhom huma stess jew jesternalizzawhomx lil parti terza; dan tal-ewwel jista' jinkiseb ukoll permezz ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet kontraenti oħra jew bl-użu ta' riżorsi tas-settur pubbliku (akkwist intern); għalhekk, il-kuntrattar ma' partijiet terzi huwa biss wieħed minn diversi metodi alternattivi għall-għoti ta' servizzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 444
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jirrakkomanda aktar flessibbiltà fil-kooperazzjoni pubblika-pubblika, li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jikkollaboraw b'mod aktar effiċjenti biex itejbu l-għoti tas-servizzi u jiksbu iffrankar tal-ispejjeż; jappella għal reviżjoni tal-kunċett tad-direttiva attwali ta' kooperazzjoni pubblika-pubblika, u

jippproponi li d-direttiva riveduta tirrikonoxxi tali kooperazzjoni bħala kwalunkwe kuntratt jew ftehim konklużbejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar, b'eżenzjoni usa' għall-kooperazzjoni pubblika-pubblika;

Or. en

Emenda 445
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Ifakkar li d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tappella għal akkwist pubbliku sostenibbli, inkluż li jiġi promoss in-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 446
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jappella għal reviżjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist biex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi applikabbli, fil-livelli nazzjonali jew reġjonali, inklużi dawk applikabbli b'mod universali jew ġenerali u l-ftehimiet kollettivi settorjali, dan irid ikun garantit fl-avviż ta' kuntratt u jkun

obbligatorju u jkun applikabbli għall-operaturi ekonomiċi kollha permezz tal-inklużjoni fl-avviż ta' kuntratt, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni obbligatorji u l-kriterji tal-għażla għall-operaturi ekonomiċi kollha, u tul il-katina ta' sottokuntrattar; jemmen li regoli obbligatorji dwar l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi eżistenti jikkontribwixxu b'mod pożittiv biex titnaqqas il-kumplessità tal-proċess ta' akkwist;

Or. en

Emenda 447
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Dirk Gotink, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi introdotta aktar flessibbiltà fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-possibbiltà li jsiru modifiki matul il-fażi tas-sejħa għall-offerti mingħajr il-ħtieġa ta' kanċellazzjoni; jinnota li anke żbalji żgħar fid-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti, li ma jħallux impatt fuq il-qalba tal-kuntratt jew il-qasam kompetittiv, bħalissa jistgħu jġiegħlu lill-awtoritajiet kontraenti jirtiraw is-sejħa għall-offerti minħabba t-theddida ta' tilwim legali, li jirriżulta f'dewmien evitabbli, spejjeż ogħla u tfixkil potenzjali fis-servizzi; jenfasizza li l-possibbiltà li jsiru aġġustamenti fil-materjali tal-offerti matul il-proċess ittejjeb l-effiċjenza, tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tiffaċilita ġestjoni aħjar tar-riżorsi għall-awtoritajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 448
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-aspetti soċjali u relatati mal-impjiegi tal-proċessi ta' ristrutturar: il-ħtieġa li jiġu protetti l-impjiegi u d-drittijiet tal-ħaddiema li ħeġġet lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku Ewropew "li tippromwovi aktar in-negozjar kollettiv u l-użu tal-klawżola soċjali, u t-trattament preferenzjali għall-kumpaniji li l-ħaddiema tagħhom ikunu koperti minn ftehimiet kollettivi; jissottolinja li l-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jeskludu mill-offerti pubbliċi operaturi ekonomiċi li kienu involuti f'attivitajiet kriminali; isostni li l-akkwist pubbliku għandu jsaħħaħ b'mod strateġiku r-responsabbiltà soċjali korporattiva";

Or. en

Emenda 449
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jirrikonoxxi li diversi saffi ta' sottokuntrattar idgħajfu l-obbligu ta' rendikont, iżidu r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, jeżerċitaw

pressjoni ’l isfel fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tul il-katina tas-sottokuntrattar u jostakolaw l-infurzar effettiv; isostni li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom jinkoraġġixxu l-ħolqien ta’ impjiegi diretti u jirrikjedu li l-kumpaniji jkollhom persunal intern adegwat biex iwettqu l-proġetti li għalihom jingħataw kuntratti pubbliċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta regoli aktar stretti dwar is-sottokuntrattar, inklużi salvagwardji għal trattament ugwali tal-ħaddiema sottokuntrattati, l-introduzzjoni ta’ sanzjonijiet dissważivi, u l-possibbiltà għall-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu miżuri nazzjonali aktar protettivi għall-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li ssaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tul il-katina tal-provvista, tillimita s-sottokuntrattar għal livell wieħed jew tnejn u tirrikjedi l-iżvelar obbligatorju tas-sottokuntratturi u l-proporzjon tal-kuntratt maħsub għas-sottokuntrattar, kif ukoll li tiżgura li l-kuntratturi jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għas-sottokuntratturi tagħhom; jitlob ukoll li tiġi stabbilita responsabbiltà in solidum bejn l-operaturi ekonomiċi u s-sottokuntratturi fil-każ ta’ ksur tal-liġijiet tax-xogħol jew tal-ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 450
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jenfasizza li r-Rapport ta’ Enrico Letta saħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-akkwist pubbliku jrawwem il-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità għolja,

ikkaratterizzati minn pagi u kundizzjonijiet ġusti sostnuti minn ftehimiet kollettivi, u li jiġu rregolati prattiki ta' sottokuntrattar biex jiġu pprevenuti l-isfruttament u l-abbuż;

Or. en

Emenda 451
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jistieden lill-awtoritajiet kontraenti żgħar u ta' daqs medju (SMCAs) joffru aktar flessibbiltà, simili għall-eżenzjonijiet disponibbli għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex jgħinu jtaffu l-piżijiet amministrattivi u jiggarantixxu ċ-ċarezza legali;

Or. en

Emenda 452
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Dirk Gotink, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jappella għall-użu sħiħ tal-flessibbiltà kollha pprovduta fl-ambitu tal-GPA fil-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE, tal-anqas għall-awtoritajiet kontraenti sottoċentrali (amministrazzjonijiet li jaqgħu taħt NUTS 3 u unitajiet amministrattivi iżgħar kif imsemmi fir-Regolament NUTS 1059/2003 kif ukoll awtoritajiet kontraenti regolati mil-liġi

pubblika u persuni ġuridiċi regolati mil-liġi privata kif definiti fil-GPA), bil-għan li tinkiseb simplifikazzjoni sostantiva tal-proċeduri tal-akkwist; jenfasizza li l-GPA tippermetti flessibbiltà akbar b'mod sinifikanti u għażliet proċedurali aktar issimplifikati fir-rigward tal-għażla u t-tfassil tal-proċessi tal-akkwist; Dawn il-possibbiltajiet għandhom jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni mingħajr dilwizzjoni fl-ispirtu ta' "reġim ħafif", sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn u l-akkwist pubbliku jsir aktar effiċjenti, flessibbli u aċċessibbli, u dan jippermetti lill-awtoritajiet lokali jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod kosteffettiv filwaqt li jżommu l-awtonomija tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 453
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jitlob li l-kuntratturi primarji u s-sottokuntratturi, inklużi s-sussidjarji tagħhom, li jidħlu f'kompetizzjoni inġusta, iwettqu frodi fiskali jew qed jiksru l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-istandards ambjentali, tax-xogħol u soċjali applikabbli għandhom jiġu esklużi mill-kuntratti pubbliċi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tabolixxi d-distinzjoni fl-Artikolu 57 tad-Direttiva bejn raġunijiet ta' esklużjoni obbligatorji u fakultattivi u tiċċara x'inhuma dawk ir-raġunijiet ta' esklużjoni għall-awtoritajiet kontraenti; jappella għall-istabbiliment ta' lista sewda ta' operaturi ekonomiċi esklużi mis-swieq tal-akkwist biex tiffaċilita l-infurzar u tikkontribwixxi għas-salvagwardja ta'

kundizzjonijiet ġusti fis-suq intern;

Or. en

Emenda 454
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jilqa' l-enfasi tal-Patt għal Industrija Nadifa fuq l-użu tal-kundizzjonalitajiet soċjali fil-finanzjament pubbliku, b'mod partikolari biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv, u fuq l-importanza tal-istandards tax-xogħol u soċjali;

Or. en

Emenda 455
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jemmen bis-sħiħ li l-akkwist pubbliku huwa lieva ewlenija biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika soċjali u jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintegra kriterji mhux marbuta mal-prezz bil-għan li tingħata spinta lill-akkwist strateġiku fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 456
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13f. Iqis li l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) u l-ekonomija soċjali tas-suq joffru potenzjal kbir ta' tkabbir mhux sfruttat għall-kumpaniji Ewropej u jesprimi tħassib qawwi dwar rapporti mill-ELA u mis-sħab soċjali li l-kuntratti pubbliċi mogħtija abbażi tal-orħos prezz joħolqu inċentivi għall-kumpaniji biex inaqqsu l-ispejjeż fuq il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza (OSH) sabiex joffru l-aktar offerta baxxa; iqis li dan l-effett imur kontra l-objettivi segwiti mir-reviżjoni tal-2014 u għandu jiġi indirizzat;

Or. en

Emenda 457
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13g. Iqis li l-prattika prevalenti ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi abbażi tal-kriterju tal-orħos prezz tagħti lok għal offerti anormalment baxxi u tikkontribwixxi għal dumping soċjali u kompetizzjoni inġusta li tpoġġi lill-kumpaniji li jinvestu f'kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fi żvantaġġ; jemmen bis-sħiħ li l-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE

għandu jippromwovi kompetizzjoni ġusta u mhux jiskoraġġiha; iqis li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jeskludu offerta jekk ikollhom raġunijiet biex jemmnu li hija anormalment baxxa u ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali; jissuġġerixxi li l-oneru tal-prova għandu jitpoġġa fuq l-offerent ikkonċernat f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 458
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13h. Jappella għat-tmiem tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi abbażi biss tal-orħos prezz, peress li jinkoraġġixxi kompetizzjoni inġusta u huwa a skapitu tal-kwalità, is-sostenibbiltà u l-istandards soċjali; ifakkar li din il-prattika hija partikolarment problematika f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema fejn l-ispejjeż tal-persunal jiffurmaw parti kbira mill-ispejjeż operatorji totali; iqis li t-tisħiħ tal-prinċipju tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża huwa pass importanti biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' standards ta' kwalità; jissottolinja, madankollu, il-ħtieġa li jkun hemm evoluzzjoni ulterjuri mill-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża għall-Aktar Offerta Vantaġġuża, filwaqt li jiġi żgurat li l-kriterji soċjali u ambjentali jkunu jistgħu jitqiesu b'mod indipendenti minn kriterji purament ekonomiċi; jisħaq li fil-każ ta' sejħiet għall-offerti sussegwenti b'bidla tal-operatur ekonomiku, għandha tiġi żgurata r-riintegrazzjoni tal-ħaddiema

fl-istess impjieg u bl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol jew kundizzjonijiet imtejba;

Or. en

Emenda 459
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13i. Ifakkar f'dak il-kuntest li l-applikazzjoni tal-Klawżola Soċjali Orizzontali hija obbligatorja u jilqa' l-kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) li l-obbligi soċjali u ambjentali fil-Klawżola Soċjali Orizzontali huma "valur kardinali li l-Istati Membri għandhom jiżguraw";

Or. en

Emenda 460
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13j. Jesprimi tħassib dwar l-istudju tal-Parlament Ewropew li sab li t-traspożizzjoni tal-Klawżola Soċjali Orizzontali tad-Direttiva 2014/24/UE kienet l-aktar problematika, u f'xi Stati Membri ma ġietx trasposta f'konformità mad-Direttiva;

Or. en

Emenda 461
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13k. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni, fil-kuntest tar-reviżjoni li ġejja, issaħħaħ il-Klawżola Soċjali Orizzontali fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-Akkwist Pubbliku, inkluż l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi u torbot b'mod ċar il-Klawżola Soċjali Orizzontali fl-istess livell mal-prinċipji l-oħra tad-Direttiva dwar it-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, il-proporzjonalità u l-projbizzjoni tat-tfassil tal-akkwist magħmul bl-intenzjoni li jeskludiha mill-kamp ta' applikazzjoni jew li jnaqqas artifiċjalment il-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 462
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13l. Jisħaq li l-kundizzjonalitajiet soċjali ma għandhomx jitqiesu bħala miżura diskriminatorja; jappella għal kjarifiki legali, li l-promozzjoni ta' negozjar kollettiv u impjiegi ta' kwalità u kriterji soċjali oħra jistgħu jitqiesu dejjem bħala rekwiżit rilevanti marbut mas-

suġġett ta' kuntratt; ifakkar f'dan il-kuntest, li l-ebda prodott jew servizz ma jeżisti mingħajr l-involviment tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 463
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13m. Jitlob ukoll li jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u li japplikaw ftehimiet kollettivi konklużi mat-trade unions ma jitpoġġewx fi żvantaġġ; l-iżgurar ta' rispett sħiħ għall-kundizzjonijiet definiti fil-Konvenzjoni C94 tal-ILO dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi) se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawn l-objettivi;

Or. en

Emenda 464
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13n. Jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-Klawżola Soċjali Orizzontali mar-raġunijiet ta' esklużjoni obbligatorja li abbażi tagħhom operatur ekonomiku

jista' jiġi eskluż minn proċedura ta' akkwist; jappella għall-introduzzjoni ta' reġistru Ewropew ta' kumpaniji li huma esklużi mill-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċedura li biha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu li offerta hija anormalment baxxa minħabba li ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmija fil-Klawżola Soċjali Orizzontali;

Or. en

Emenda 465
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13o. Jitlob li jiġu introdotti klawżoli tax-xogħol obbligatorji fil-kuntratti pubbliċi, bħall-applikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' ftehimiet kollettivi applikabbli bħala kriterji ta' għoti obbligatorji billi jiġu inklużi fl-avviż ta' kuntratt u jsiru kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni u kriterji ta' għażla obbligatorji u li jingħata trattament preferenzjali lil kumpaniji li l-ħaddiema tagħhom huma koperti minn ftehimiet kollettivi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi promossa kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti f'konformità mal-ftehim kollettiv konklużmis-sħab soċjali l-aktar rappreżentattivi tas-settur; jew f'konformità ma' deċiżjoni tal-arbitraġġ jew liġijiet u regolamenti nazzjonali; jappella għal miri nazzjonali biex tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv fl-akkwist pubbliku, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni differenti fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 466
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13p. Jisħaq li l-perspettiva tal-ġeneru tal-akkwist pubbliku jeħtieġ li tissaħħaħ biex titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 467
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13q. Ifakkar li ktajjen ta' sottokuntrattar twal u kumplessi huma korrelatati b'mod qawwi mal-proliferazzjoni ta' xogħol mhux iddikjarat, l-isfruttament tal-ħaddiema, id-dumping tal-pagi, u l-erożjoni ta' standards tax-xogħol ġusti, riskji akbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; inaqqsu l-kontroll tal-awtoritajiet kontraenti u jnaqqsu l-obbligu ta' rendikont tal-kuntratturi primarji; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi limitazzjonijiet għat-tul tal-katina tas-sottokuntrattar sabiex tipproteġi lill-kumpaniji minn kompetizzjoni inġusta bbażata fuq prattiki ta' sottokuntrattar

kumplessi biex jiġu evitati l-istandards tax-xogħol applikabbli, u sabiex ittejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-issodisfar ta' kriterji mhux marbuta mal-prezz; jisħaq li limitazzjoni bħal din għadha tħalli lok għall-involviment ta' għarfien espert speċjalizzat għal kompiti speċifiċi, jekk ikun meħtieġ; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi introdotta responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar u għal trattament ugwali tal-ħaddiema kollha irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fil-katina;

Or. en

Emenda 468
Pierre Jouvet, Gabriele Bischoff, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13r. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-abbużi fil-ktajjen tas-sottokuntrattar u d-diffikultajiet fl-infurzar, tiżgura li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku jippromwovu l-impjiegi diretti u jinkludu regolamentazzjoni aktar stretta tas-sottokuntrattar inkluż billi jiġi żgurat trattament ugwali, l-introduzzjoni ta' responsabbiltà in solidum, sanzjonijiet disważivi u tillimita t-tul tal-katina tas-sottokuntrattar għal massimu ta' sottolivell wieħed jew tnejn); il-kumpaniji għandu jkollhom biżżejjed persunal proprju biex iwettqu l-proġett biex jingħataw kuntratti pubbliċi u għandhom jiżvelaw u jkunu responsabbli għas-sottokuntratturi tagħhom; L-Istati Membri ma għandhomx jiġu pprevenuti milli jżommu jew jintroduċu miżuri aktar stretti fil-livell nazzjonali biex jipproteġu

lill-ħaddiema;

Or. en

Emenda 469
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Johan Danielsson, Maria Guzenina, Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13s (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13s. Ir-reviżjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet trid tappoġġja n-negozjar kollettiv u l-impjiegi ta' kwalità; l-obbligu li jiġu applikati termini u kundizzjonijiet fi ftehimiet kollettivi applikabbli, kemm fil-livelli nazzjonali jew reġjonali, inklużi dawk applikabbli b'mod universali jew ġenerali u ftehimiet kollettivi settorjali, iridu jiġu inklużi fl-avviż tal-kuntratt u jsiru obbligatorji kundizzjonijiet ta' prestazzjoni u kriterji ta' għażla għall-operaturi ekonomiċi kollha; fejn tidħol il-kwistjoni tas-"suġġett" ta' kuntratt pubbliku, għandu jiġi ċċarat li l-garanzija tar-rispett tad-dritt ta' negozjar kollettiv u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti jistgħu dejjem jitqiesu bħala rekwiżit rilevanti; irid ikun inkluż kriterju ta' għoti obbligatorju sinifikanti marbut man-negozjar kollettiv, inkluż l-għoti ta' vantaġġ lill-offerenti li l-ħaddiema tagħhom (u l-ħaddiema tas-sottokuntratturi) huma koperti minn ftehimiet kollettivi; l-operaturi ekonomiċi li kisru d-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions għandhom jiġu esklużi mill-proċessi ta' akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 470
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Appoġġ għal tranżizzjoni ambjentali

Or. en

Emenda 471
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13t (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13t. Jesprimi dispjaċir għall-inkonsistenza tal-qafas attwali tal-akkwist pubbliku fir-rigward tal-għanijiet ambjentali tal-Unjoni Ewropea peress li ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tippromwovi s-sostenibbiltà b'mod effiċjenti;

Or. en

Emenda 472
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13u (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13u. Jisħaq li l-Istati Membri[1e]

irrapportaw diffikultà biex irawmu prattiki ta' Akkwist Pubbliku Ekoloġiku minħabba n-nuqqas ta' obbligu legali għall-awtoritajiet kontraenti li jużaw kriterji ambjentali fil-proċeduri ta' sejħa għall-offerti, kif ukoll nuqqas ta' ċertezza tad-dritt fl-interpretazzjoni tar-rekwiżit għal "rabta mas-suġġett tal-kuntratt", jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-flessibbiltà pprovduta fid-Direttiva attwali u n-nuqqas ta' ċarezza legali dgħajfu l-akkwist pubbliku ekoloġiku;

[1e] Rapport tal-2021 dwar l-Implimentazzjoni u l-aħjar prattiki tal-politiki tal-akkwist nazzjonali fis-Suq Intern https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=COM:2021:245:FIN&rid=3

Or. en

Emenda 473
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13v (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13v. Jinnota li d-Direttiva attwali wasslet ukoll lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-akkwist pubbliku ekoloġiku fi gradi differenti b'terz tal-Istati Membri jintroduċu obbligu legali filwaqt li l-bqija għażlu l-inklużjoni volontarja tal-GPP; b'hekk ifframmentaw is-Suq Uniku u ħolqu ostakli addizzjonali għall-kompetizzjoni transfruntiera għall-akkwist pubbliku,

Or. en

Emenda 474
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13w (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13w. Jisħaq li s-swieq ekoloġiċi ewlenin fl-akkwist pubbliku joffru potenzjal sinifikanti b'benefiċċji fit-tul ta' soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u b'emissjonijiet baxxi, li jgħinu biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 (id-Direttiva 2001/1119); jinnota li s-swieq ekoloġiċi ewlenin fil-bidu ma jwasslux għal tnaqqis fl-ispejjeż u għalhekk jeħtieġ li jiġu supplimentati b'appoġġ min-naħa tal-provvista;

Or. en

Emenda 475
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13x (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13x. Jirrikonoxxi li, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-akkwist pubbliku sostenibbli, għandhom jiġu inkorporati kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà fid-direttivi, jappoġġja għalhekk il-preferenza strateġika mogħtija lill-kriterji ambjentali obbligatorji fl-akkwist pubbliku; jinsisti li għandhom isiru obbligatorji bl-introduzzjoni ta' miri evoluttivi sabiex jiġu implimentati sew fil-proċessi tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari f'setturi ta' impatt kbir bħall-kostruzzjoni, it-trasport, il-materjali kritiċi, it-tessuti

jew l-enerġija; iqis li r-reviżjoni futura tad-Direttivi għandha tistabbilixxi kriterji speċifiċi komuni (bħat-total ta' emissjonijiet tas-CO2, l-impronta tal-karbonju tal-offerta, il-prezz għal kull tunnellata ta' karbonju fil-prezz finali tal-offerti, l-esternalitajiet negattivi, ir-rati ta' prodotti użati mill-ġdid utilizzati) jew l-inklużjoni tas-CSR (responsabbiltà soċjali korporattiva)), adattati għad-diversità wiesgħa ta' prodotti, servizzi u xogħlijiet li għandhom jinxtraw u tistabbilixxi kriterji komuni mhux biss biex tiġi żgurata ċ-ċarezza iżda kif ukoll biex jiġi promoss approċċ armonizzat madwar l-Unjoni b'oppożizzjoni għall-frammentazzjoni dejjem tikber bejn l-Istati Membri, li toħloq ostakli b'mod partikolari għall-SMEs; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-awtoritajiet kontraenti ma jillimitawx ix-xiri pubbliku għal oġġetti ġodda iżda jsegwu wkoll il-Ġerarkija tal-Iskart tal-UE; iqis li oġġetti użati mill-ġdid, irranġati mill-ġdid u msewwija għandhom jitqiesu fost il-kriterji ta' eliġibbiltà;

Or. en

Emenda 476
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13y (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13y. Jinsisti li r-reviżjoni tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku għandu jkollha l-għan li tipprovdi appoġġ adegwat lill-awtoritajiet kontraenti fid-definizzjoni tal-kriterji ambjentali tagħhom meta titqies l-iskala kbira ta' prodotti u servizzi li potenzjalment jinxtraw mill-awtoritajiet kontraenti u r-rekwiżiti ambjentali korrispondenti applikabbli; jipproponi l-

ħolqien ta' helpdesk fil-livell tal-UE u nazzjonali biex jgħin lill-awtoritajiet kontraenti jippreparaw il-proċess tal-akkwist u b'mod partikolari d-definizzjoni ta' kriterji ambjentali rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-eżempji eżistenti fil-livell nazzjonali biex tipproponi għodod adegwati fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 477
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13z (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13z. Jissuġġerixxi li r-reviżjoni futura tad-Direttivi għandha tgħin ukoll lill-awtoritajiet kontraenti billi tipprovdi għodod bħal metrika u gwidi biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti/servizzi mingħajr ma jqisu l-prezz biss u jippermettu l-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet ottimali fuq medda twila ta' żmien u jiffaċilitaw it-tqabbil tagħhom bejn l-offerti, jinkoraġġixxi l-użu ta' tikketti verifikati biex titnaqqas il-parteċipazzjoni iżda jinsisti fuq il-ħtieġa ta' verifika minn partijiet terzi;

Or. en

Emenda 478
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13aa. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' verifika, trasparenza u obbligu ta' rendikont biex jiġi żgurat li l-fornituri ġenwinament inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar milli sempliċement jasserixxu dan;

Or. en

Emenda 479
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ab (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ab. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' sistema ta' inċentivi madwar l-UE kollha bl-attribuzzjoni ta' 'punti bonus" fl-evalwazzjoni tal-offerta, li tagħti punteġġ ogħla jew appoġġ addizzjonali għal azzjonijiet ambjentali speċifiċi bħat-tnaqqis tal-konsum tal-ilma, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika jew l-użu ta' materjali riċiklati; l-użu ta' teknoloġija nadifa jew ta' prodotti u materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju;

Or. en

Emenda 480
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Appoġġ għar-reżiljenza u l-kompetittività tas-suq intern tal-Ewropa

Or. en

Emenda 481
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ac (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ac. Jirrikonoxxi li l-akkwist pubbliku jista' jappoġġja industriji strateġiċi essenzjali għas-sigurtà tal-produzzjoni industrijali u l-istabbiltà ekonomika ; jinsisti li l-akkwist pubbliku ma għandux ikun ibbażat biss fuq il-kompetizzjoni, iżda għandu jinkorpora wkoll kriterji relatati mal-kwalità teknoloġika, ambjentali u soċjali tal-offerta, kif ukoll l-impatt tagħha fuq in-nisġa ekonomika lokali, sabiex ma jinjorax l-aspetti lokali, soċjali u ambjentali speċifiċi għan-negozji lokali, iżda jagħti kontribut vitali għall-iżvilupp tan-nisġa ekonomika lokali;

Or. en

Emenda 482
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ad (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ad. Jissuġġerixxi li, f'konformità mal-

Patt għal Industrija Nadifa, id-direttiva dwar l-akkwist pubbliku għandha tallinja mal-objettivi tiegħu u tirrikjedi li x-xerrejja pubbliċi jaħdmu aktar b'mandati mmirati u kriterji mhux marbuta mal-prezz għar-reżiljenza, soċjali u s-sostenibbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li l-infiq pubbliku javvanza l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, il-prosperità u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 483
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ae (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ae. Jinnota li xi teknoloġiji emerġenti jistgħu jeħtieġu appoġġ fl-istadji bikrija tal-adozzjoni tagħhom, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni internazzjonali inġusta; jisħaq li, f'xi każijiet, huwa meħtieġ intervent pubbliku biex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet tas-suq; itenni, f'dan ir-rigward, li l-akkwist pubbliku jista' wkoll irawwem il-ħolqien ta' swieq ewlenin ġodda billi jagħti prijorità lill-prodotti ta' prestazzjoni għolja, isaħħaħ il-provvista, is-sigurtà tal-katina, u jipprovdi lill-SMEs kundizzjonijiet ekwi; jemmen li l-akkwist pubbliku strateġiku jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reżiljenza industrijali u t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 484

Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13af (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13af. Barra minn hekk, fix-xenarju ġeopolitiku ta' tensjoni attwali u tal-kriżi tas-saħħa tal-passat, huwa ta' importanza kbira li l-akkwist pubbliku jintegra objettiv ta' sigurtà tal-provvista ta' prodotti kritiċi bħal pereżempju mediċini; iqis għalhekk li r-reviżjoni tad-direttivi għandha tinkoraġġixxi perċentwal minimu ta' produzzjoni jew kontenut lokali fit-territorju Ewropew għal ċerti prodotti jew f'ċerti setturi;

Or. en

Emenda 485
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ag (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ag. Jinnota li l-kompetizzjoni internazzjonali qed tagħmel pressjoni fuq bosta setturi industrijali fl-Ewropa permezz ta' kapaċità żejda u prezzijiet soġġetti għal dumping u għalhekk jistenna li, minbarra l-promozzjoni ta' swieq soċjali u ekoloġiċi ewlenin, il-kriterji tal-kontenut lokali jkunu wkoll ankrati f'sejħiet għal offerti pubbliċi sabiex tissaħħaħ l-indipendenza strateġika tal-Ewropa f'setturi ewlenin;

Or. en

Emenda 486
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ah (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ah. Bil-kunflitti li issa qed jieħdu forma ibrida, l-akkwist pubbliku joffri wkoll għodda biex tiġi appoġġjata l-awtonomija Ewropea f'oqsma speċifiċi u strateġiċi, jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi kriterju ta' preferenza Ewropew fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku fis-settur tat-teknoloġija, bil-ħsieb li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi f'teknoloġiji kritiċi bħall-cloud computing u l-IA u ssaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 487
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13ai (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13ai. Jappella għall-introduzzjoni ta' klawżola ta' preferenza Ewropea fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku, li għandha tibqa' possibbiltà aktar milli obbligu fid-dawl tal-provvista Ewropea li kultant tkun insuffiċjenti jew mhux bi prezz raġonevoli f'ċerti swieq;

Or. en

Emenda 488
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali; ***jissottolinja wkoll l-importanza li tiġi promossa l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data pubbliċi, sabiex jitħaffu l-verifiki dwar il-veraċità tar-rekwiżiti mill-operaturi u jiġi evitat li tintalab informazzjoni li diġà tinsab fil-bażijiet tad-data pubbliċi differenti; fl-istess waqt, huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess għad-dokumenti u d-dokumentazzjoni tal-offerti, biex tiġi analizzata b'mod aktar preċiż l-effettività tal-politiki tal-akkwist u tittejjeb l-interoperabbiltà bejn is-sistemi differenti;***

Or. it

Emenda 489
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-	14. Jemmen bis-sħiħ li d-

diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;

diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali; ***jissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi promossa l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data pubbliċi biex jitħaffu l-verifiki dwar il-veraċità tar-rekwiżiti mill-operaturi u biex ma tintalabx informazzjoni mingħandhom li tkun diġà tinsab fil-bażijiet tad-data pubbliċi differenti; fl-istess ħin, irid jiġi ggarantit l-aċċess għad-dokumenti u d-dokumentazzjoni tal-offerti, sabiex tiġi evalwata aħjar l-effettività tal-politiki tal-akkwist u tiġi ottimizzata l-interazzjoni bejn is-sistemi differenti;***

Or. it

Emenda 490
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-

proċessi analogi attwali;	proċessi analogi attwali; ***jissottolinja l-importanza li jkun hemm bażijiet tad-data pubbliċi interoperabbli biex tiġi ssimplifikata l-proċedura għas-sottomissjoni tad-dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-offerti u biex jitħaffu l-kontrolli fuq il-pussess tar-rekwiżiti; jissottolinja wkoll l-importanza li d-dokumenti tas-sejħa għall-offerti relatati mal-kuntratt ikunu aċċessibbli faċilment għal trasparenza akbar;***
	Or. en

Emenda 491
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex ***jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal*** tal-għodod ***diġitali, il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri jeħtiġilhom ***jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni*** futura dwar l-akkwist ***għandha tiffaċilita*** d-diġitalizzazzjoni***, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;***	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka madankollu, li biex ***tilħaq dawn l-għanijiet il-Kummissjoni għandha ssib bilanċ bejn l-iskop*** tal-għodod ***tad-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku introdotti mil-leġiżlazzjoni Ewropea – b'mod partikolari l-Formoli elettroniċi – u l-objettivi segwiti, jiġifieri dak li tistimula l-kompetizzjoni u l-aċċess għan-negozji għall-akkwist pubbliku; jisħaq li*** l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom ***jiżguraw li l-leġiżlazzjoni*** futura dwar l-akkwist ***tiffaċilita*** d-diġitalizzazzjoni ***mingħajr ma toħloq piż amministrattiv bla bżonn kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi;***
	Or. en

Emenda 492
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali; ***jissottolinja l-importanza li l-pjattaformi tal-akkwist pubbliku jkunu akkumpanjati minn gwidi u struzzjonijiet aġġornati, ċari u speċifiċi biex jiġi żgurat li l-utenti kollha, irrispettivament mill-esperjenza tagħhom, ikunu jistgħu jinnavigaw u jutilizzaw b'mod effettiv il-pjattaformi;***

Or. en

Emenda 493
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha ***tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist*** pubbliku ***għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li*** biex jiġi sfruttat	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha ***tkun xprun tal-effiċjenza fl-infiq*** pubbliku, ***filwaqt li tippermetti s-simplifikazzjoni amministrattiva, u tappoġġja l-politiki li huma kritiċi għall-kompetittività fit-tul***

bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom ***jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif*** il-leġiżlazzjoni ***futura*** dwar l-akkwist ***għandha*** tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	***tal-unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku u t-Tranżizzjoni Ġusta.*** Biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom ***jivvalutaw kif*** il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist ***tista'*** tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni ***mmexxija minn miri, li jkollha l-għan li tikseb effiċjenzi fl-enerġija u fil-proċess*** pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;
	Or. en

Emenda 494
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid ***kompletament kif*** il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist ***għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni***, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi ***attwali***;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż***, fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi*** u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist ***minn perspettiva diġitali l-ewwel, li tiffoka fuq il-faċilitazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali*** pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi ***eżistenti***;
	Or. en

Emenda 495
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti***, speċjalment VSEs u SMEs***; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita ***u tiżgura*** d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;

Or. en

Emenda 496
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi ***u twal*** attwali;

Or. en

Emenda 497
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, ***il-Kummissjoni u l-Istati*** Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;	14. Jemmen bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni għandha tibqa' element ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fis-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti u offerenti; jirrimarka, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni, pjuttost milli sempliċiment tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali;

Or. en

Emenda 498
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jindika l-potenzjal sinifikanti ta' pjattaformi diġitali tal-UE u nazzjonali effiċjenti relatati mal-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet dwar it-titjib tal-użu ta' Tenders Electronic Daily (TED), inkluż approċċ aktar iċċentrat fuq l-utent biex jinnaviga l-pjattaforma u l-faċilitazzjoni aħjar tal-avviżi għal offerti pubbliċi; jemmen li l-informazzjoni ta' kwalità aħjar u l-

interoperabbiltà ma' pjattaformi nazzjonali jżidu l-viżibbiltà u l-użu tat-TED, u jipprovdu lill-SMEs b'possibbiltajiet aħjar għall-iskrinjar ta' opportunitajiet fi swieq pubbliċi mhux nazzjonali; itenni l-importanza ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni ġodda biex jinkoraġġixxu aktar aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku; jisħaq li l-intrapriżi b'livell baxx ta' litteriżmu diġitali għandhom jiġu mħarrġa u jkunu jistgħu jużaw pjattaformi online għall-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 499
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jiġbed l-attenzjoni għall-varar b'suċċess tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar l-Akkwist Pubbliku bħala mezz biex jiġu rikonċiljati l-proċessi ta' akkwist taħt il-limitu u 'l fuq minnu kif ukoll għodda essenzjali biex jitrawmu mekkaniżmi ta' sorveljanza transfruntiera ħalli jiġi pprevenut l-użu ħażin potenzjali ta' fondi, frodi u korruzzjoni; jirrakkomanda li titkompla l-implimentazzjoni tiegħu sabiex jiġu ffaċilitati t-trasparenza, l-aċċess ġenerali għal sejħiet għall-offerti inkluż minn VSEs u SMEs u kompetizzjoni aħjar iżda jkunu permessi wkoll is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi għall-entitajiet kontraenti u offerenti;

Or. en

Emenda 500
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li l-isforzi ta' trasformazzjoni diġitali għandhom jevitaw li jissostitwixxu soluzzjonijiet privatili jiffunzjonaw għall-monitoraġġ tal-akkwist jew għall-ġestjoni tal-offerti; minflok, l-armonizzazzjoni għandha tinkiseb billi jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-interoperabbiltà u t-trasparenza;

Or. en

Emenda 501
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob l-armonizzazzjoni tal-proċessi elettroniċi tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni bejn l-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat akkwist pubbliku diġitali sigur, effiċjenti u affidabbli fl-Unjoni Ewropea;

Or. it

Emenda 502
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob l-armonizzazzjoni tal-

proċessi elettroniċi tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni fl-Istati Membri kollha biex jiġi żgurat akkwist pubbliku diġitali sigur, effiċjenti u affidabbli fl-UE;

Or. it

Emenda 503
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għall-armonizzazzjoni tal-proċessi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika madwar l-Istati Membri biex jiġi żgurat akkwist pubbliku diġitali sigur, effiċjenti u fdat fl-UE kollha;

Or. en

Emenda 504
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ diġitali l-ewwel fir-reviżjoni tal-qafas legali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 505
Stefano Cavedagna, Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jissottolinja, madankollu, li biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għodod diġitali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw mill-ġdid kompletament kif il-leġiżlazzjoni futura dwar l-akkwist għandha timplimenta l-użu ta' mudelli ta' amministrazzjoni algoritmika biex tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni, minflok ma sempliċement tiddiġitalizza l-proċessi analogi attwali; ikun xieraq, b'mod partikolari, li jiġi previst l-użu tat-teknoloġiji diġitali mhux biss għall-finijiet tal-abbozzar, il-ħżin u t-trażmissjoni tal-atti u d-dokumenti amministrattivi (jiġifieri l-atti elettroniċi), iżda wkoll biex jiġi ddeterminat il-kontenut tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom (jiġifieri l-atti pproċessati elettronikament), mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-għarfien u t-trasparenza tal-algoritmu, il-prinċipju tan-nuqqas ta' esklużività tad-deċiżjoni algoritmika kif ukoll il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni algoritmika;

Or. it

Emenda 506
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Spazju Ewropew tad-Data dwar l-Akkwist Pubbliku (PPDS); iqis li din l-inizjattiva għandha l-potenzjal li ttejjeb it-trasparenza, tippreżenta opportunitajiet ta' akkwist għall-SMEs u tiżgura li l-infiq

pubbliku jikseb valur aħjar billi tgħaqqad settijiet ta' data tal-akkwist Ewropew u nazzjonali; jemmen li l-għodod diġitali avvanzati għandhom rwol ewlieni fit-titjib tal-effiċjenza tal-akkwist pubbliku; jappella għal sforzi biex jitjieb l-użu tad-data disponibbli permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku; jemmen li d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-akkwist pubbliku tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista aktar sostenibbli, telimina l-ineffiċjenzi, tistandardizza l-proċessi kuntrattwali u tiżgura li d-data dwar l-emissjonijiet tal-forniturі tiġi ssorveljata u rrapportata;

Or. en

Emenda 507
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jitlob lill-Kummissjoni tesplora għażliet għall-introduzzjoni ta' Passaport Diġitali tal-Akkwist Pubbliku, b'attenzjoni speċjali għall-SMEs, bħala għodda biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku billi jiġu kkunsidrati objettivi ewlenin bħat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u l-promozzjoni tal-akkwist transfruntier; jemmen li għodda bħal din għandha tippermetti valutazzjoni ta' darba tal-konformità ta' operatur ekonomiku, li mbagħad tista' terġa' tintuża f'diversi proċeduri ta' akkwist minn awtoritajiet kontraenti differenti;

Or. en

Emenda 508
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-infurzar ta' standards taċ-ċibersigurtà uniformi allinjati mal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u d-Direttiva NIS2, meta jkun applikabbli, fil-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE dwar l-akkwist pubbliku; jissottolinja li dawn l-istandards għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-proċessi tal-akkwist pubbliku kontra t-theddid ċibernetiku u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi kritiċi madwar l-UE; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa Sett ta' Għodod tat-Teknoloġiji Strateġiċi, immudellat fuq is-Sett ta' Għodod tas-Sigurtà 5G, biex jipprovdi approċċ koordinat mal-UE kollha għall-politiki tal-akkwist f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, is-semikondutturi, il-computing kwantistiku u l-infrastruttura tal-cloud; jisħaq li dan is-sett ta' għodod għandu jistabbilixxi kriterji ta' sigurtà komuni u valutazzjonijiet tar-riskju biex il-bejjiegħa ta' riskju għoli jiġu eskluż minn kuntratti ta' akkwist pubbliku, u b'hekk jiġu salvagwardjati l-awtonomija teknoloġika u ċ-ċibersigurtà tal-UE;

Or. en

Emenda 509
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14e. Jenfasizza li l-akkwist pubbliku ta' teknoloġiji diġitali, li fihom l-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti, għandu jkun ibbażat fuq l-allinjament ta' kriterji ta' sigurtà stretti bbażati fuq standards Ewropej u skemi ta' ċertifikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data jiġu ssodisfati fl-istadji kollha tal-proċess tal-akkwist, filwaqt li tissalvagwardja d-data personali u sensittiva;

Or. en

Emenda 510
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 511
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda ***enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont*** ta' formoli elettroniċi ***u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn*** teknoloġiji ***fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali;***	15. ***Jirrimarka li l-kumplessità dejjem tikber tal-istandards Ewropej tagħmilhom diffiċli biex jintużaw għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti, kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi;*** jirrakkomanda***, għalhekk, li jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati dawk l-oqfsa billi jitnaqqas l-ammont*** ta' avviżi ta' formoli elettroniċi***, billi l-piż tal-ġbir tad-data ta' rapportar jiġi mċaqlaq lejn l-aktar sors u stadju xieraq tal-proċedura, billi tiġi limitata ż-żieda ta' data ġdida f'dawn il-Formoli elettroniċi sabiex ma jiġix imfixkel il-proċess ta' akkwist, billi tiġi kkonsolidata l-bażi tad-data eCertis biex tissaħħaħ l-utilità potenzjali tagħha qabel ma tiġi estiża għal sistemi oħrajn u billi jiġi pprovdut qafas leġiżlattiv għar-riskji assoċjati mal-użu ta'*** teknoloġiji ***tal-IA fl-akkwist pubbliku – f'konformità mar-Regolament 2024/1689/UE;***

Or. en

Emenda 512
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument	15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument

uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali;	uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali; ***din it-tranżizzjoni għal sistemi awtomatizzati bbażati fuq tranżazzjonijiet ittejjeb il-ġbir tad-data f'ħin reali, tissimplifika l-proċessi tal-akkwist, u tippermetti użu aħjar tad-data, li huwa partikolarment ta' benefiċċju għall-SMEs;***

Or. en

Emenda 513
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali;	15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali; ***jistieden lill-Kummissjoni tittrasforma Tenders Electronic Daily f'għodda li tista' tintuża għall monitoraġġ u għar-rapportar dwar l-akkwist strateġiku b'indikaturi komuni madwar l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 514
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi ***u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn*** teknoloġiji ***fixkiela bħall-intelliġenza*** artifiċjali;	15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti proċessi, pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u ***l-esplorazzjoni tal-potenzjal ta'*** teknoloġiji ***ġodda bħall-intelliġenza*** artifiċjali ***biex jiġi ssimplifikat l-akkwist***;

Or. en

Emenda 515
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq ***l-awtomatizzazzjoni ta' ċerti*** proċessi, ***pereżempju permezz ta' tranżizzjoni minn sistema skaduta bbażata fuq in-notifika għal sistema bbażata fuq tranżizzjonijiet,*** it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa', ***speċjalment meta jitqies il-potenzjal offrut minn teknoloġiji fixkiela bħall-intelliġenza artifiċjali;***	15. Jirrakkomanda enfasi partikolari fuq ***l-interoperabbiltà tal-proċessi u tal-pjattaformi***, it-tnaqqis tal-ammont ta' formoli elettroniċi u l-integrazzjoni tad-dokument uniku Ewropew tal-akkwist u l-eCertis f'sistemi amministrattivi u kummerċjali usa'***; jistieden lill-Kummissjoni tittrasforma l-pjattaforma Tenders Electronic Daily f'għodda li tista' tintuża għall monitoraġġ u għar-rapportar dwar l-akkwist strateġiku b'indikaturi komuni madwar l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 516

Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinnota li l-introduzzjoni tad-Dokument tas-Suq Uniku Ewropew (SEMD) ma laħqitx bis-sħiħ l-objettiv tagħha li tissimplifika u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-kumpaniji fl-akkwist pubbliku, minħabba l-persistenza ta' diffikultajiet operattivi li jkomplu jikkumplikaw l-aċċess tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-VSEs u l-SMEs, għall-proċeduri tal-akkwist; jappella għall-adozzjoni ta' sistema simplifikata u sigura li tippermetti lill-kumpaniji japplikaw biss abbażi ta' numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija;

Or. en

Emenda 517
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza l-importanza li d-differenzi bejn il-pjattaformi nazzjonali jiġu indirizzati bħala ostakli għas-suq intern u, meta jkun xieraq, jiġu promossi sistemi diġitali armonizzati u kompatibbli transfruntiera; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati standards komuni għad-data u l-pjattaformi tal-akkwist fil-livell tal-UE, meta jkun applikabbli, biex titnaqqas il-frammentazzjoni u jiġi appoġġjat suq tal-akkwist diġitali aktar integrat;

Or. en

Emenda 518
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika u tiċċara d-dokumentazzjoni standard tal-akkwist, inkluż id-Dokument Uniku Ewropew tal-Akkwist (DUEA), billi telimina l-elementi mhux meħtieġa, torganizza mill-ġdid il-kontenut u tiċċara l-lingwa, bl-objettiv li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni;

Or. it

Emenda 519
Ernő Schaller-Baross, Virginie Joron, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika u tiċċara d-dokumentazzjoni standard tal-akkwist, inkluż id-Dokument Uniku Ewropew tal-Akkwist, billi telimina l-informazzjoni superfluwa, tirristruttura l-kontenut u tirfina t-terminoloġija sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-parteċipazzjoni;

Or. en

Emenda 520
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw kif is-sistemi ta' akkwist jistgħu jinteraġixxu ma' sistemi amministrattivi u bażijiet tad-data oħra li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali u tal-UE biex itejbu s-suq intern tal-UE;

Or. en

Emenda 521
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar appoġġ u taħriġ għall-awtoritajiet kontraenti, dwar l-użu ta' għodod diġitali, involviment fis-suq, u approċċi ta' akkwist ibbażati fuq ir-riskju, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tar-riformi tal-akkwist;

Or. en

Emenda 522
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom	***imħassar***

kompletament;

Or. en

Emenda 523
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, ***fi djalogu*** mal-partijiet interessati, ***għandha*** tivvaluta liema proċeduri ***jippprovdu ftit*** valur ***miżjud*** meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u ***mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament***;	16. Huwa konvint li l-Kummissjoni ***tikkomunika regolarment*** mal-partijiet interessati ***biex*** tivvaluta liema proċeduri ***ta' akkwist iżidu*** valur ***limitat*** meta mqabbla mal-ispejjeż ***u l-piż amministrattiv*** tagħhom; ***meta jkun xieraq, dawn il-proċeduri għandhom jiġu awtomatizzati jew eliminati, b'allinjament mat-trasformazzjoni diġitali usa' tal-akkwist pubbliku;*** d***an jillibera riżorsi għal attivitajiet ta' akkwist aktar strateġiċi, filwaqt li jnaqqas b'mod sinifikanti l-ineffiċjenzi fis-sistema;***

Or. en

Emenda 524
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri ***jippprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż*** tagħhom ***u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;***	16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu ***mas-sħab soċjali u*** mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri ***għandhom jittejbu fid-dawl tal-kumplessità u l-ispejjeż*** tagħhom***; u kif ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jistgħu jippromwovu aħjar in-negozjar kollettiv u***

impjiegi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 525
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;	16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati ***u mas-sħab soċjali***, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;

Or. en

Emenda 526
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;	16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż ***jew il-kwalità*** tagħhom u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;

Or. en

Emenda 527

Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li ***l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati,*** għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew ***tawtomatizzahom*** jew ***teliminahom*** kompletament;	16. Huwa konvint li ***l-Istati Membri għandhom jivvalutaw*** liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom u mbagħad jew ***jawtorizzawhom*** jew ***jeliminawhom*** kompletament;

Or. en

Emenda 528
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud ***meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom*** u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;	16. Huwa konvint li l-Kummissjoni, fi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tivvaluta liema proċeduri jipprovdu ftit valur miżjud u mbagħad jew tawtomatizzahom jew teliminahom kompletament;

Or. en

Emenda 529
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jiġbed l-attenzjoni għall-adozzjoni b'suċċess tal-mudell tal-akkwist tal-GovTech f'pajjiżi bħall-Polonja, il-Litwanja u d-Danimarka, kif ukoll ir-	17. Jiġbed l-attenzjoni għall-adozzjoni b'suċċess tal-mudell tal-akkwist tal-GovTech f'pajjiżi bħall-Polonja, il-Litwanja u d-Danimarka, kif ukoll ir-

rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-mudell bħala għodda ewlenija biex jintlaħqu l-għanijiet deskritti fil-Kumpass Diġitali tal-UE 2030;	rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-mudell bħala għodda ewlenija biex jintlaħqu l-għanijiet deskritti fil-Kumpass Diġitali tal-UE 2030; ***jemmen li l-iskala ta' esperjenzi nazzjonali ta' suċċess u t-trawwim tal-iżvilupp ta' suq Ewropew tal-GovTech se jkunu essenzjali għas-settur pubbliku biex jaċċessa malajr u b'mod effiċjenti soluzzjonijiet diġitali mfassla apposta, filwaqt li jappoġġja wkoll riforma tal-akkwist pubbliku orjentata lejn id-diġitali;***
	Or. en

Emenda 530
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jiġbed l-attenzjoni għall-adozzjoni b'suċċess tal-mudell tal-akkwist tal-GovTech f'pajjiżi bħall-Polonja, il-Litwanja u d-Danimarka***, kif ukoll ir-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-mudell bħala għodda ewlenija biex jintlaħqu l-għanijiet deskritti fil-Kumpass Diġitali tal-UE 2030;***	17. Jiġbed l-attenzjoni għall-adozzjoni b'suċċess tal-mudell tal-akkwist tal-GovTech f'pajjiżi bħall-Polonja, il-Litwanja u d-Danimarka ***u jisħaq fuq l-importanza li tinżamm is-sovranità nazzjonali fuq mudelli bħal dawn mingħajr l-interferenza tal-Kummissjoni***;
	Or. en

Emenda 531
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu sfruttati l-għodod diġitali biex jissaħħu l-ġbir tad-data, it-trasparenza u l-monitoraġġ tul iċ-

ċiklu kollu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku — mis-sejħa inizjali għall-offerti sal-eżekuzzjoni u t-twassil tal-kuntratt; jissottolinja li użu aktar komprensiv tat-teknoloġiji diġitali jista' jappoġġja analiżi aħjar tad-dinamika tas-suq, jidentifika l-ineffiċjenzi u jippromwovi t-tfassil ta' politika aktar intelliġenti u bbażat fuq l-evidenza; jappella għal investiment akbar f'sistemi diġitali kompatibbli u faċli għall-utent biex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza, tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-SMEs u jiġi żgurat suq intern aktar kompetittiv u reżiljenti;

Or. en

Emenda 532
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-valur miżjud u l-kostijiet-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma ċentralizzata fil-livell tal-Istati Membri fejn tinġabar l-informazzjoni dwar l-offerenti u tkun disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti; jisħaq li l-prinċipju ta' darba biss għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni għandu jkun il-prinċipju ta' gwida għal tali pjattaforma: iżid jgħid li sabiex tinkiseb l-akbar effiċjenza, din il-pjattaforma għandha tkun ibbażata fuq standards interoperabbli biex tippermetti interkonnessjonijiet fil-livell nazzjonali;

Or. en

Emenda 533
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe

Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja l-ħtieġa li minn proċessi analogi ngħaddu għal sistemi kompletament diġitali biex id-deċiżjonijiet dwar l-akkwist isiru aktar intelliġenti, billi jiġu sfruttati għodod bħall-Formoli elettroniċi, l-eCertis u l-Ispazju tad-Data dwar l-Akkwist Pubbliku; jisħaq li l-istabbiliment ta' arkitettura pan-UE tad-data dwar l-akkwist bi ġbir ta' data affidabbli u strutturat huwa kruċjali biex tiġi xprunata intelligence aħjar u tittejjeb il-prestazzjoni tal-akkwist madwar l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 534
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li l-użu tal-GovTech fl-akkwist prekummerċjali s'issa ppermetta lil muniċipalitajiet b'anqas riżorsi finanzjarji jiffurmaw konsorzji b'ħafna sħab, mudell li jista' jiġi implimentat fuq livell akbar għal proġetti nazzjonali akbar;

Or. en

Emenda 535
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-akkwist pubbliku Ewropew

Or. en

Emenda 536
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jappella għal użu aħjar tal-għodod eżistenti bħall-Formoli elettroniċi, l-eTender u l-Ispazju tad-Data dwar l-Akkwist Pubbliku, kif ukoll skambju mtejjeb tad-data u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri; jinnota li d-Dokument Uniku Ewropew tal-Akkwist u l-eCertis ġew introdotti biex jissimplifikaw il-proċeduri, b'mod partikolari għall-SMEs. madankollu, kif identifikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-parteċipazzjoni tal-SMEs ma żdiditx b'mod sinifikanti, u l-impatt tad-Dokument Uniku Ewropew tal-Akkwist fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għadu mhux ċar; jenfasizza li minkejja dawn l-isforzi, il-piżijiet amministrattivi fl-akkwist pubbliku għadhom pperċepiti bħala għoljin; jenfasizza li sistemi tad-data strutturati jistgħu jgħinu biex itaffu dawn il-piżijiet billi jżidu l-awtomazzjoni;

Or. en

Emenda 537
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa li l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fil-finanzjament pubbliku jiżgura li l-ħaddiema jibbenefikaw mill-appoġġ ipprovdut lill-industrija, inkluż biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja l-istandards tax-xogħol u dawk soċjali biex tiżgura li t-tranżizzjoni tkun ġusta u ekwa għal kulħadd fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tal-qafas leġiżlattiv dwar l-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 538
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jappella għas-simplifikazzjoni tal-obbligi tar-rapportar tad-data għall-awtoritajiet kontraenti, filwaqt li tinħoloq rabta bejn il-leġiżlazzjoni settorjali u l-ħtiġijiet tal-akkwist, u tiġi evitata d-duplikazzjoni; itenni l-ħtieġa li jiġu żviluppati formati u metodoloġiji komuni, bħall-ispiża tul iċ-ċiklu tal-ħajja;

Or. en

Emenda 539
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Iheġġeġ użu usa' tal-għodod tal-akkwist diġitali biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni transfruntiera, jitnaqqsu r-restrizzjonijiet burokratiċi u tiġi żgurata l-effiċjenza fil-proċessi ta' akkwist permezz ta' portal diġitali tal-UE kompletament interoperabbli;

Or. en

Emenda 540
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jenfasizza li r-Rapport Letta sejjaħ għal leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku biex jiġi żgurat li l-kuntratti jrawmu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, ikkaratterizzati minn pagi ġusti u kundizzjonijiet sostnuti minn ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 541
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17g. Jenfasizza li bħalissa, l-operaturi ekonomiċi li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, l-impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u li jridu joffru prodotti u servizzi ta' kwalità

għolja, innovattivi u kreattivi billi jinvestu fil-forza tax-xogħol tagħhom huma penalizzati mid-dipendenza żejda tal-awtoritajiet kontraenti fuq il-kriterju tal-orħos prezz għall-għoti ta' kuntratti minħabba n-nuqqas ta' ċarezza legali tal-qafas attwali u l-biża' li tirriżulta mil-litigazzjoni;

Or. en

Emenda 542
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17h. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-użu tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża (MEAT) obbligatorja għall-għoti ta' kuntratti u teskludi l-għotjiet ibbażati fuq il-prezz biss; jenfasizza li kriterji ambjentali u soċjali għandhom dejjem ikunu inklużi f'dan l-approċċ biex jiġu promossi s-sostenibbiltà u l-impjiegi ta' kwalità biex jiġu inklużi l-benefiċċji tas-soċjetà tal-infiq pubbliku;

Or. en

Emenda 543
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17i. Jirrikonoxxi li diversi saffi ta' sottokuntrattar idgħajfu l-obbligu ta' rendikont, iżidu r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-kundizzjonijiet tax-

xogħol tul il-katina tas-sottokuntrattar u jostakolaw l-infurzar effettiv; jemmen li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi diretti u li l-kumpaniji għandu jkollhom persunal intern adegwat biex iwettqu l-proġetti li għalihom jingħataw kuntratti pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tul il-katina tal-provvista, tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli, tagħmel obbligatorju l-iżvelar tas-sottokuntratturi u s-sehem tal-kuntratt li l-kuntrattur ikun beħsiebu jissottokuntratta, kif ukoll tintroduċi responsabbiltà in solidum tal-operaturi ekonomiċi u s-sottokuntratturi f'każijiet ta' ksur tal-liġi tax-xogħol u ta' ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 544
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17j. Jemmen li l-kuntratturi primarji u s-sottokuntratturi, inklużi s-sussidjarji tagħhom, li jidħlu f'kompetizzjoni inġusta, iwettqu frodi fiskali jew qed jiksru l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-istandards ambjentali, tax-xogħol u soċjali applikabbli għandhom jiġu esklużi mill-kuntratti pubbliċi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tabolixxi d-distinzjoni fl-Artikolu 57 tad-Direttiva bejn raġunijiet ta' esklużjoni obbligatorji u fakultattivi u tiċċara x'inhuma dawk ir-raġunijiet ta' esklużjoni għall-awtoritajiet kontraenti; jappella għall-istabbiliment ta' lista sewda ta' operaturi ekonomiċi esklużi mis-swieq tal-akkwist biex tiffaċilita l-infurzar u tikkontribwixxi għas-salvagwardja ta'

kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern;

Or. en

Emenda 545
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17k. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq metodoloġija ċara għall-valutazzjoni tal-kunċett ta' "prezz anormalment baxx" sabiex tipprovdi lill-awtoritajiet kontraenti b'aktar ċertezza tad-dritt meta jidentifikaw offerti li x'aktarx ma jirrispettawx l-istandards soċjali u tax-xogħol minimi;

Or. en

Emenda 546
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17l. Jirrikonoxxi li l-kuntratti riżervati għall-impjegati li għandhom ħaddiema b'diżabbiltà qed jimpjegaw eluf ta' nies; jinsisti li din il-prattika għandha tkompli; ifakkar li l-objettiv ta' kuntratti riżervati bħal dawn huwa li jagħtu l-opportunità lill-persuni b'diżabbiltà jgħaddu għal impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ u jappella għal implimentazzjoni mtejba ta' kuntratti riżervati li jkunu ta' benefiċċju għall-integrazzjoni fix-xogħol ta' gruppi f'sitwazzjoni żvantaġġata;

Or. en

Emenda 547
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17m. Iqis li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-kuntratti kbar ma jispiċċawx biss għal kumpaniji kbar; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi intrapriżi tal-ekonomija soċjali u mikrointrapriżi fl-inizjattivi kollha li jiffaċilitaw l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi mill-SMEs; jemmen li r-regoli l-ġodda għandhom jinkludu diviżjoni obbligatorja f'lottijiet, limitazzjonijiet għall-impożizzjoni ta' rekwiżiti eċċessivi ta' "passat ta' prova" bħala parti mill-kriterji tal-għażla;

Or. en

Emenda 548
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17n. Jissottolinja li l-inklużjoni tas-servizzi soċjali u tas-saħħa fir-"reġim ħafif" għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku Ewropej kellha effett detrimentali f'ċerti Stati Membri fuq il-kwalità u l-kontinwità tal-kura u li prattikament ma kien hemm l-ebda offerta transfruntiera peress li l-provvista ta' dawn is-servizzi hija speċifika ħafna għall-organizzazzjoni tal-istat soċjali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni teskludi s-servizzi soċjali u tas-saħħa mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva;

Or. en

Emenda 549
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17o. Jisħaq li l-kultura "mingħajr żbalji" u l-"effett dissważiv" li jirriżultaw mil-loġika u d-dinamika tal-kompetizzjoni inerenti għall-qafas regolatorju attwali ma jippermettux il-kreattività, l-innovazzjoni u l-flessibbiltà, prinċipji li huma essenzjali għal setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħas-servizzi soċjali u l-forniturи ta' servizzi essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet, sabiex tippermetti l-innovazzjoni u l-investimenti fil-forza tax-xogħol, pereżempju permezz ta' taħriġ jew adattament tal-pagi fid-dawl ta' ftehim kollettiv ġdid matul il-perjodu tal-kuntratt;

Or. en

Emenda 550
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***17p. Huwa tal-opinjoni li l-kuntratti riżervati għal ċerti servizzi huma prattika tajba li tappoġġja l-ekonomija soċjali u li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiġu appoġġjati u mħeġġa biex jużaw aktar din l-għażla disponibbli; jemmen madankollu li huwa ta' ħsara għall-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli li jinterrompu**

relazzjoni ta' kura kull 3 snin; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-limitu ta' 3 snin u l-obbligu li ma jkunux ġew ipprovduti dawn is-servizzi fit-3 snin preċedenti fl-Artikolu 77 tad-Direttiva;

Or. en

Emenda 551
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17q. Iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġu żgurati infurzar, monitoraġġ u sanzjonijiet rinfurzati biex jiġi ggarantit li l-operaturi ekonomiċi jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom, inkluż fil-qasam tax-xogħol; jisħaq li l-awtoritajiet tal-akkwist għandu jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għall-kundizzjonijiet definiti fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 94 dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi) bħala parti mir-rekwiżiti minimi orizzontali; jemmen li għandu jiġi żgurat li n-nuqqas ta' rispett għall-kundizzjonijiet rilevanti għandu jwassal għal sanzjonijiet dissważivi, inkluż it-terminazzjoni tal-kuntratt u l-esklużjoni mill-proċess ta' akkwist, peress li dan se jikkontribwixxi b'mod qawwi biex jintlaħqu l-objettivi tal-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità u negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 552
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17r. Jiddeplora li d-direttiva attwali ma għandhiex dimensjoni tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-reviżjoni li jmiss biex tespandi l-Anness X sabiex tiżgura li l-konvenzjonijiet tal-ILO Nru 100, u Nru 111 jiġu inklużi fih, flimkien mad-direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u d-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet; iqis li n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti għandu jitqies bħala kriterju ta' esklużjoni;

Or. en

Emenda 553
Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17s (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17s. Jisħaq li l-iżgurar li l-kuntratti pubbliċi jingħataw lil dawk l-impjegaturi li qed jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandu jkun garantit u jitlob għalhekk li tiżdied il-konvenzjoni tal-ILO Nru 155 u Nru 187 fl-Anness X;

Or. en

Emenda 554
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Rakkomandazzjonijiet ***speċifiċi*** għat-titjib tal-akkwist pubbliku Ewropew	Rakkomandazzjonijiet ***orizzontali*** għat-titjib tal-akkwist pubbliku Ewropew

Or. en

Emenda 555
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod*** tal-akkwist ***diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi*** għall-akkwist konġunt ***kemm*** fil-livell nazzjonali ***kif ukoll f'dak*** transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi ***eċċessivi*** fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti***, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;***	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***l-allinjament mal-miri ta' politika ġenerali tagħna, jiġifieri l-appoġġ lit-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ekonomija tagħna u l-protezzjoni tal-awtonomija strateġika tagħna, filwaqt li jiġu simplifikati r-regoli kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-offerenti***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha ***tistabbilixxi miri preċiżi ċari, gradwali u li jistgħu jitkejlu fir-rigward tal-użu tal-akkwist strateġiku, u*** tipproponi armonizzazzjoni ***fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proċessi, il-verifika, it-trasparenza u r-rapportar; jispeċifika li l-elementi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri*** tal-akkwist ***pubbliku għandhom ikunu parti minn din ir-riforma; kif ukoll strutturi simplifikati*** għall-akkwist konġunt fil-livell ***lokali,*** nazzjonali u transfruntier; ***jitlob li r-reviżjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti għal xiri konġunt***; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib ***taċ-ċertezza tad-dritt,*** l-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi ***sproporzjonati*** fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti;

Or. en

Emenda 556
Pierre Jouvet, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; ***jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà***, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà ***biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;***	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***il-promozzjoni tal-akkwist soċjali u ambjentali u t-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, billi jippermetti prinċipju proporzjonat ta' preferenza għall-prodotti Ewropej, billi jiżgura s-sigurtà tal-provvista għal ċerti teknoloġiji, prodotti u servizzi vitali, filwaqt li jissimplifika u jispjega aħjar ir-regoli***, ***jeduka lill-akkwistaturi pubbliċi sabiex iħossuhom aktar kunfidenti li jużawhom u jżomm possibbiltajiet adegwati ta' sorveljanza u aċċess għad-data***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***bl-għan li tieħu vantaġġ mir-rwol strateġiku tal-akkwist pubbliku u tagħti*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; ***il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-promozzjoni tan-negozjar kollettiv, kunsiderazzjonijiet dwar il-klima,*** kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed ***kontroll u*** flessibbiltà;

Or. en

Emenda 557
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli***; ***jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier;*** jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***iċ-ċertezza legali, li jillibera l-potenzjal veru tal-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kontraenti jagħtu kuntratti ta' akkwist pubbliku bbażati wkoll fuq kriterji soċjali, bħal ftehimiet ta' negozjar kollettiv obbligatorji, kif ukoll kriterji ta' sostenibbiltà; jappella għal reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE li jista' jaġixxi bħala lieva għas-suq intern b'mod ġenerali biex jippromwovi impjiegi, servizzi u prodotti ta' kwalità; jenfasizza li l-awtoritajiet kontraenti għandhom bżonn jissimplifikaw ir-regoli u jiċċaraw il-bażi legali għall-kriterji tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża u l-Artikolu 18(2)***; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni ***jew is-simplifikazzjoni*** bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza***, il-libertà tal-għażla u l-awtonomija għall-awtoritajiet kontraenti*** u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 558
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, billi jiġi permess prinċipju proporzjonat ta' preferenza***

armonizzazzjoni ***limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

għall-prodotti Ewropej, tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għal ċerti teknoloġiji, prodotti u servizzi vitali, filwaqt li jiġu ssimplifikati r-regoli u jitnaqqas il-piż amministrattiv; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***bl-għan li tieħu vantaġġ mir-rwol strateġiku tal-akkwist pubbliku u tagħti*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 559
Laura Ballarín Cereza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; ***jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi promoss l-akkwist pubbliku transfruntier fis-suq uniku, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera;*** jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-

awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 560
Johan Danielsson, Adnan Dibrani, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli;*** jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li ***tinżamm biżżejjed flessibbiltà*** biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***iż-żieda fil-kapaċità tal-awtoritajiet kontraenti li jipprevjenu lil entitajiet kriminali u frawdolenti milli jidħlu fi proċessi ta' akkwist***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li ***tiżdied u tiġi introdotta l-flessibbiltà meħtieġa*** biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 561
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier***, inkluż ta' teknoloġiji nodfa u materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju***; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 562
Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Jaroslav Bžoch, Filip Turek, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak	18. Jitlob ***it-tkomplija tad-direttiva - bħala forma ta' regolamentazzjoni u*** reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-

transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 563
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***l-implimentazzjoni ta' preferenza Ewropea,*** it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***minima*** limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. fr

Emenda 564
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti***, kif ukoll aċċessibbiltà akbar għall-SMEs***;

Or. ro

Emenda 565
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li ***l-Kummissjoni*** għandha ***tipproponi armonizzazzjoni*** limitata għal aspetti essenzjali ***fejn tista' tagħti*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li ***l-armonizzazzjoni*** għandha ***tkun*** limitata għal aspetti essenzjali ***li jagħtu*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti għall-akkwist konġunt

offerti ***u l-istrutturi*** għall-akkwist konġunt ***kemm*** fil-livell nazzjonali ***kif ukoll f'dak transfruntier***; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li ***tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;***	fil-livell nazzjonali***, mingħajr il-ħtieġa ta' impożizzjoni ta' oqfsa transfruntiera bla bżonn***; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li ***jiġi żgurat li l-Istati Membri jżommu l-libertà li jimmaniġġjaw l-akkwist skont l-interessi u l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom stess***;
	Or. en

Emenda 566
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis***, id-diġitalizzazzjoni*** u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;
	Or. en

Emenda 567
Ernő Schaller-Baross, Virginie Joron, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti ***u l-istrutturi għall-akkwist konġunt*** kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni limitata għal aspetti essenzjali fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 568
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***it-tnaqqis*** u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***limitata għal aspetti essenzjali*** fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq ***l-iċċarar*** u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud ***u benefiċċju soċjali***, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm

kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib ***tal-effiċjenza*** u l-prevedibbiltà, kif ukoll ***it-tnaqqis ta' piżijiet*** amministrattivi ***eċċessivi*** fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib ***taċ-ċarezza, l-effiċjenza, l-ekwità*** u l-prevedibbiltà, kif ukoll ***rekwiżiti*** amministrattivi ***ċari*** fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 569
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni ***limitata għal aspetti essenzjali*** fejn tista' tagħti l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;	18. Jitlob reviżjoni tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE ffukat fuq it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tar-regoli; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tipproponi armonizzazzjoni fejn tista' tagħti ***possibbilment*** l-akbar valur miżjud, bħall-għodod tal-akkwist diġitali u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u l-istrutturi għall-akkwist konġunt kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier; jenfasizza li l-objettiv m'għandux ikun l-armonizzazzjoni bħala tali, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-prevedibbiltà, kif ukoll it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurat l-użu prudenti tal-flus tal-kontribwenti;

Or. en

Emenda 570
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jirrakkomanda azzjonijiet konkreti biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni permezz ta' aktar trasparenza fl-użu ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel. Dan għandu jinkiseb permezz tal-pubblikazzjoni sistematika tal-avviż ex ante volontarju eżistenti bħala proċedura obbligatorja. Barra minn hekk, l-imsemmi avviż ex ante għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq is-sit web jew post pubbliku ieħor tal-awtorità pubblika rilevanti;

Or. en

Emenda 571
Christel Schaldemose

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ifakkar li l-applikazzjoni tal-Klawżola Soċjali Orizzontali hija obbligatorja u jilqa' l-kjarifika mill-QĠUE li l-obbligi soċjali u ambjentali fil-Klawżola Soċjali Orizzontali huma "valur kardinali li l-Istati Membri għandhom jiżguraw";

Or. en

Emenda 572
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Jirrakkomanda t-tisħiħ tar-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni li biha l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu obbligati jimmotivaw u jispjegaw b'mod ċar ir-raġunijiet li jwasslu għall-użu ta' proċedura bħal din f'avviż ex ante obbligatorju. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' motivazzjoni xierqa tar-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura nnegozjata għandu jiġi introdott bħala raġuni għall-ineffettività tal-proċedura msemmija;

Or. en

Emenda 573
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara, f'konformità mas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-395/18, li r-rekwiżiti fl-Artikolu 18(2) tad-direttiva dwar il-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol, jikkostitwixxu prinċipju vinkolanti, bħall-prinċipji l-oħra msemmija fl-Artikolu 18(1), jiġifieri l-prinċipji ta' trattament ugwali, nondiskriminazzjoni, trasparenza u proporzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-klawżola soċjali orizzontali tiġi applikata fl-artikoli kollha tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku; jisħaq li nuqqas ta' ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti rriżulta f'biża' mifruxa ta' litigazzjoni u effettiv disważiv fir-rigward tal-applikazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali fl-istadji

differenti tal-proċess tal-akkwist;

Or. en

Emenda 574
Johan Danielsson, Adnan Dibrani, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jappella għal aktar flessibbiltà għall-awtoritajiet kontraenti biex ifasslu u japplikaw kriterji ta' esklużjoni fil-proċessi ta' akkwist, li jippermettulhom jindirizzaw b'mod effettiv riskji settorjali speċifiċi relatati mal-frodi, il-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni kriminali; jenfasizza li setturi differenti jirrikjedu kriterji ta' esklużjoni mfassla apposta li jirriflettu l-vulnerabbiltajiet u l-kuntesti operazzjonali distinti tagħhom, u jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet jingħataw is-setgħa biex jadattaw l-approċċi tagħhom skont dan, biex b'hekk issaħħu l-miżuri preventivi u jsaħħu s-sigurtà u l-integrità tal-akkwist;

Or. en

Emenda 575
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***18a. Iħeġġeġ kooperazzjoni transfruntiera akbar fl-akkwist pubbliku, fejn hemm benefiċċji bħal proġetti fuq skala kbira, biex tissaħħaħ l-effiċjenza u l-koeżjoni fis-suq intern tal-UE; jappoġġja infrastruttura diġitali**

interoperabbli li tippermetti li d-data u l-proċeduri tal-akkwist jiġu kondiviżi bla xkiel bejn l-Istati Membri, dan inaqqas l-ostakli u jsaħħaħ il-koeżjoni tas-suq, u jkun ta' benefiċċju għall-fornituri ta' kull daqs madwar l-UE;

Or. en

Emenda 576
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jenfasizza li r-rekwiżiti ambjentali u soċjali jridu jiġu integrati mill-istadju tal-ippjanar ta' proċedura ta' akkwist u mmonitorjati matul il-proċess kollu, jiġifieri l-għażla, il-kriterji tal-għoti u l-kundizzjonijiet biex jiġi eżegwit il-kuntratt; jemmen li rekwiżiti bħal dawn għandhom jitfasslu skont l-aħjar prattiki eżistenti u appoġġjati mill-iżvilupp ta' metodoloġiji taċ-ċiklu tal-ħajja;

Or. en

Emenda 577
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-qafas futur tal-akkwist pubbliku tal-UE għandu jkompli jieħu l-forma ta' direttiva, sabiex tiġi ppreżervata l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-regoli f'konformità mas-sistemi u l-prattiki legali nazzjonali; jissottolinja li l-isforzi biex jiġu

standardizzati l-proċeduri ta' akkwist iridu jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Or. en

Emenda 578
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***18a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku u dwar il-konċessjonijiet, biex teżenta lill-impriżi pubbliċi li ngħataw kuntratt jew konċessjoni mill-obbligu li jniedu offerti ġodda għax-xiri tal-provvisti meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt;**

Or. it

Emenda 579
Laura Ballarín Cereza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***18a. Jisħaq li l-effikaċja tal-kuntratti riżervati fl-appoġġ tal-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni żżomm u ssaħħaħ il-kuntratti riżervati, filwaqt li tiżgura li jikkonformaw bis-sħiħ mal-UNCRPD;**

Or. en

Emenda 580

Kim Van Sparrentak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li tali reviżjoni għandha tidentifika b'mod ċar l-għanijiet soċjali (eż. il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità, l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli) bħala għanijiet essenzjali tal-akkwist f'konformità mal-Artikoli 8, 9, 10 u 11 tat-TFUE;

Or. en

Emenda 581
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ linji gwida mhux vinkolanti biex tippromwovi l-istandardizzazzjoni mingħajr ma tirrestrinġi d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kontraenti;

Or. en

Emenda 582
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jappella għall-eliminazzjoni tal-possibbiltà li jingħataw kuntratti pubbliċi abbażi tal-prezz biss;

Or. en

Emenda 583
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-użu tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża obbligatorja għall-għoti ta' kuntratti, u tiżgura li telimina gradwalment l-għotjiet ibbażati fuq il-prezz biss; jenfasizza li l-kriterji ambjentali u soċjali għandhom dejjem ikunu inklużi f'dan l-approċċ; iżid jgħid li l-kunsiderazzjoni mhux marbuta mal-prezz għandha tingħata piż sostanzjali fil-klassifikazzjoni totali u fid-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-kuntratti; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara biżżejjed l-użu tal-kriterji biex toffri ċertezza legali lill-awtoritajiet kontraenti;

Or. en

Emenda 584
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Artikolu 67(2) tal-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża l-istandard awtomatiku fir-reviżjoni li jmiss tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, inklużi l-kriterji biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 585
Laura Ballarín Cereza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jitlob li r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà jiġu integrati fl-istadji kollha tal-akkwist pubbliku, inkluża l-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kontraenti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji tal-għoti u l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-servizz;

Or. en

Emenda 586
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jitlob speċifikament lill-Kummissjoni tippromwovi aktar in-negozjar kollettiv u l-impjiegi ta' kwalità billi tissimplifika l-applikazzjoni minn operatur ekonomiku tat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet kollettivi matul il-proċessi ta' akkwist, mill-avviż tal-kuntratt, il-kriterji tal-għażla sal-eżekuzzjoni tal-kuntratt; jitlob ukoll li jiġi ċċarat li l-ħtieġa ta' konformità ma' ftehimiet kollettivi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għandha titqies bħala kriterju rilevanti marbut mas-suġġett fil-każijiet kollha;

Or. en

Emenda 587
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jitlob li jiġu introdotti klawżoli tax-xogħol obbligatorji fil-kuntratti pubbliċi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiġu promossi kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti f'konformità mal-ftehim kollettiv applikabbli konklużmis-sħab soċjali l-aktar rappreżentattivi fis-settur; jew f'konformità ma' deċiżjoni tal-arbitraġġ jew liġijiet u regolamenti nazzjonali;

Or. en

Emenda 588
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18d. Jisħaq li l-iżvilupp u l-użu ta' tikketti u ċertifikazzjonijiet ta' sostenibbiltà affidabbli, ta' kwalità għolja u trasparenti jappoġġjaw lill-awtoritajiet kontraenti fl-operazzjonalizzazzjoni tal-objettivi tas-sostenibbiltà, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-ħtieġa ta' valutazzjonijiet tekniċi dettaljati, filwaqt li jillimitaw ukoll ir-riskju ta' inċertezza tad-dritt jew tilwim; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tiżviluppa aktar tali tikketti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-kredibbiltà u l-użabbiltà tagħhom fis-setturi kollha;

Or. en

Emenda 589
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese, David Cormand

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18e. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi "Att favur ix-Xiri Ewropew u Sostenibbli", applikat fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej, l-għajnuniet mill-Istat nazzjonali u l-akkwist pubbliku; jisħaq li Att bħal dan għandu jinbena b'mod li jirrispetta l-impenji internazzjonali tal-Unjoni u jżomm l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Pajjiżi b'Introjtu Medju Inferjuri;

Or. en

Emenda 590
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18f. Jilqa' t-tħabbira mill-Kummissjoni tal-introduzzjoni ta' preferenza Ewropea fl-akkwist pubbliku għal setturi u teknoloġiji kritiċi; jissottolinja li klawżola "Ixtri Ewropew" trid timxi id f'id mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà; iqis għalhekk li r-reviżjoni li jmiss għandha tistabbilixxi qafas konsistenti li jinkludi rekwiżiti tal-kontenut tal-UE jew kriterji ta' reżiljenza ambizzjuż biex tappoġġja l-awtonomija strateġika tal-UE;

Or. en

Emenda 591
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18g. Jenfasizza li r-rekwiżiti tal-kontenut tal-UE jistgħu jiġu ffurmati jew billi jiġi limitat l-ammont ta' partijiet manifatturati f'pajjiż terz jew billi jiġu ddedikati kwoti ta' akkwist f'setturi strateġiċi lill-produtturi bbażati fl-UE; jisħaq li r-rekwiżiti tal-kontenut tal-UE għandhom ikunu akkoppjati ma' kriterji ta' sostenibbiltà u soċjali; jisħaq li r-rekwiżiti tal-kontenut tal-UE għandhom jiġu stabbiliti biex jiġu rispettati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni, u jinżamm aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Pajjiżi b'Introjtu Medju Inferjuri;

Or. en

Emenda 592
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18h. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet kritiċi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni billi jappoġġjaw politika industrijali diġitali Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi preferenza obbligatorja għall-akkwist ta' sistemi u servizzi tal-ICT li huma rregolati taħt ġuriżdizzjoni Ewropea esklużiva;

jistieden lill-Kummissjoni tagħmel obbligatorju l-akkwist ta' teknoloġiji ta' sors miftuħ għall-iżviluppi pubbliċi futuri kollha tal-ICT;

Or. en

Emenda 593
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18i. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet kontraenti jingħataw ċertezza legali li r-rekwiżiti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-diliġenza dovuta ambjentali, li jinkludu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u ambjentali marbuta mal-produzzjoni u l-provvista ta' oġġetti u servizzi, huma kkunsidrati bħala li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt;

Or. en

Emenda 594
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE; ***jinnota li integrazzjoni akbar fis-suq tal-akkwist pubbliku hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li għall-SMEs u n-negozji ġodda***

	ħafna drabi huwa estremament ikkumplikat biex jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti pubbliċi, speċjalment meta jkunu organizzati fi swieq fejn ma joperawx direttament u jkollhom għarfien subottimali tar-regolamenti lokali u r-rekwiżiti amministrattivi; jisħaq li l-SMEs għandhom jiġu appoġġjati biex jesploraw swieq oħra tal-Istati Membri; jappella għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki madwar l-UE u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist transfruntiera; jistieden lill-Istati Membri jistimulaw il-parteċipazzjoni tan-negozji fl-akkwist pubbliku transfruntier billi joqogħdu lura milli jużaw kriterji ta' lingwa għar-rifjut tal-offerti fi proċeduri ta' sejħa għall-offerti;
	Or. en

Emenda 595
Pablo Arias Echeverría

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' reġistru Ewropew ta' dikjarazzjonijiet ta' interess fl-akkwist pubbliku, li jippermetti l-identifikazzjoni ta' rabtiet personali jew professjonali bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti rebbieħa, sabiex jiġu pprevenuti kunflitti ta' interess li jistgħu jaffettwaw l-integrità tal-proċess;***
	Or. es

Emenda 596
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE; ***jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-proporzjonalità, li jfisser li d-deċiżjonijiet tal-awtorità kontraenti, kif ukoll ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'offerta, iridu jkunu allinjati b'mod raġonevoli man-natura u l-ambitu tal-kuntratt li qed jiġi akkwistat;***

Or. en

Emenda 597
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar ***u konformità*** biex jippromwovu ċ-ċertezza***, l-effettività*** u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti, speċjalment dawk b'riżorsi amministrattivi u ekonomiċi limitati, fl-infurzar u biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi kuntrattwali miftiehma;***

Or. en

Emenda 598
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali ***fl-akkwist*** pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali***, kif ukoll gwida dwar akkwist*** pubbliku ***soċjalment responsabbli*** fl-UE; ***jissuġġerixxi li l-Kummissjoni żżid il-finanzjament għal aktar taħriġ tax-xerrejja pubbliċi biex timplimenta b'mod effettiv il-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE;***

Or. en

Emenda 599
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali ***fl-akkwist*** pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ***, garanziji proċedurali, korpi ta' sorveljanza indipendenti b'biżżejjed setgħat*** u għodod effettivi ta' infurzar ***kif ukoll l-eliminazzjoni ta' ostakli, bħal tariffi għoljin,*** biex ***jitfittex rimedju fi proċessi ta' akkwist pubbliku sabiex*** jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;

Or. en

Emenda 600
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza ***u l-koerenza*** legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ**,** u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza legali ***u l-kompetizzjoni ġusta*** fl-akkwist pubbliku fl-UE***, għandha ssir enfasi speċjali fuq il-ħolqien ta' sistemi ta' monitoraġġ u awditjar trasparenti u diġitali li jisfruttaw id-data f'ħin reali biex tiġi identifikata l-frodi u żgurata l-konformità***;

Or. en

Emenda 601
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE ***filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u r-rispett lejn in-negozjar kollettiv***;

Or. en

Emenda 602
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE***, filwaqt li tiġi rrispettata s-sovranità nazzjonali fil-proċessi ta' akkwist***;

Or. en

Emenda 603
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;	19. Jitlob l-istabbiliment ta' linji gwida uniformi, mekkaniżmi standardizzati ta' monitoraġġ ***u rapportar,*** u għodod effettivi ta' infurzar biex jippromwovu ċ-ċertezza u l-koerenza legali fl-akkwist pubbliku fl-UE;

Or. en

Emenda 604
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tabolixxi d-distinzjoni bejn raġunijiet ta' esklużjoni obbligatorji u fakultattivi u tiċċara x'inhuma dawk ir-raġunijiet ta' esklużjoni għall-awtoritajiet kontraenti; iżid jgħid li kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun qed jikser l-obbligi

tiegħu fir-rigward tal-istandards ambjentali, tax-xogħol u soċjali applikabbli għandu effettivament jiġi eskluż mis-swieq tal-akkwist pubbliku; iżid jgħid li dispożizzjoni bħal din għandha tapplika wkoll għas-sottokuntrattar; jappella għall-istabbiliment ta' lista sewda Ewropea ta' operaturi ekonomiċi esklużi mis-swieq tal-akkwist minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom, għal involviment f'eżjoni tat-taxxa jew evitar tat-taxxa, jew minħabba raġunijiet bħan-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tat-trade unions u tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 605
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika kemm jista' jkun il-proċessi amministrattivi biex ittaffi l-piżijiet, tirfina l-kriterji tal-għażla għal akkwist effettiv u tagħti spinta lill-kapaċitajiet amministrattivi; jemmen li kriterji standardizzati jippermettu kuntratti aktar aċċessibbli u attraenti għall-SMEs, li huwa essenzjali biex titrawwem parteċipazzjoni usa' u tiġi xprunata l-innovazzjoni fis-settur;

Or. en

Emenda 606
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei,

Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-bażi tad-data tal-Akkwist Pubbliku Ewropew billi tiżviluppaha fi pjattaforma analitika tad-data sħiħa, konnessa mar-reġistri tal-fornituri u mal-bażijiet tad-data tal-esklużjoni kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali, biex ittejjeb u tistandardizza l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ transfruntiera u għodod effettivi ta' infurzar;

Or. en

Emenda 607
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi msaħħa għat-trasparenza u għas-sorveljanza fl-akkwist pubbliku billi jiġu integrati analitika tad-data u teknoloġiji tal-IA fil-proċess tal-akkwist biex jinstabu irregolaritajiet, frodi, riskji għas-sigurtà nazzjonali u korruzzjoni f'ħin reali;

Or. en

Emenda 608
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' analiżi tar-riskju mmexxija mid-data fl-Ispazju tad-Data dwar l-Akkwist Pubbliku, inkluża l-integrazzjoni tad-data dwar l-akkwist, il-kumpaniji u s-sanzjonijiet biex tappoġġja l-iskoperta proattiva tal-frodi u s-sorveljanza tal-integrità;

Or. en

Emenda 609
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jemmen li r-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist għandha tiżgura li l-applikazzjoni obbligatorja mill-operaturi ekonomiċi ssegwi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet kollettivi applikabbli;

Or. en

Emenda 610
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tul il-katina tal-provvista, tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli, tagħmel obbligatorju l-iżvelar tas-sottokuntratturi, kif ukoll tintroduċi responsabbiltà in solidum tal-operaturi

ekonomiċi u s-sottokuntratturi f'każijiet ta' ksur tal-liġi tax-xogħol u ta' ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 611
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jirrikonoxxi li l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' awtopulitura tibbaża ħafna fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet kontraenti li jevalwaw bir-reqqa dawn l-azzjonijiet korrettivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissostitwixxi l-mekkaniżmu ta' awtopulitura b'mekkaniżmi oġġettivi u ssaħħaħ aktar il-professjonalizzazzjoni u t-taħriġ tal-uffiċjali tal-akkwist;

Or. en

Emenda 612
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;	20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex ***jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' akkwist,*** tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi; ***iqis li tali standardizzazzjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-effiċjenza amministrattiva u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, peress li***

tippermetti kemm lill-awtoritajiet kontraenti jissimplifikaw il-preparazzjoni tad-dokumenti tal-offerti kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi jerġgħu jużaw elementi minn sejħiet għall-offerti preċedenti, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'aktar minn proċedura ta' akkwist waħda;

Or. en

Emenda 613
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;	20. ***Iqis li huma meħtieġa aktar simplifikazzjoni u standardizzazzjoni tal-prattiki ta' akkwist pubbliku;*** jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi; ***jindika l-użu ta' mudelli standard li għandhom jipprevedu dokumenti tal-offerti iqsar u aktar konsistenti bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-SMEs kif ukoll għall-akkwist pubbliku;***

Or. en

Emenda 614
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha ***sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti*** u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;	20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti***, li tiffaċilita wkoll l-integrazzjoni ta' data dwar il-kuntratt fi pjattaformi diġitali, tippermetti traċċar u tqabbil aktar faċilment*** fl-Istati Membri kollha***, dan jgħin biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn*** u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi***, filwaqt li tinżamm flessibbiltà għal soluzzjonijiet immexxija mis-suq***;

Or. en

Emenda 615
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;	20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi***, filwaqt li tiġi rispettata s-sovranità nazzjonali fil-proċessi ta' akkwist***;

Or. en

Emenda 616
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;	20. Jappoġġja l-introduzzjoni***, meta jkun xieraq jew adatt,*** ta' mudelli standard ta' taqsimiet ta' kuntratti fl-Istati Membri kollha sabiex tinħoloq uniformità akbar fil-proċeduri tal-offerti u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi;

Or. en

Emenda 617
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt dettaljata dwar l-implikazzjonijiet tal-prijoritizzazzjoni ta' entitajiet sħab nazzjonali jew tal-istess fehma fl-akkwisti relatati ma' industriji strateġiċi — bħall-industrija tqila, il-mediċini, l-enerġija u l-kimiċi — bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tal-kapaċitajiet kritiċi fl-Istati Membri u titnaqqas id-dipendenza fuq il-bejjiegħa uniċi; jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tevalwa bir-reqqa l-implikazzjonijiet potenzjali tal-ispejjeż, ir-riskji mill-fatt li jiġi limitat l-aċċess għal teknoloġiji avvanzati u l-effetti fuq il-kwalità tas-servizzi u l-prodotti, filwaqt li żżomm il-konsistenza mal-impenji legali internazzjonali tal-unions; jirrikonoxxi f'dak il-kuntest l-importanza ta' negozji li jinvestu u jinvestu mill-ġdid fl-Unjoni, u b'hekk jappoġġjaw l-ekonomija Ewropea, il-benesseri tal-ħaddiema u l-komunitajiet lokali;

Or. en

Emenda 618
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jitlob li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt, trid tiġi ggarantita l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi tax-xogħol marbuta strettament mal-oġġett tal-kuntratt; jitlob li sabiex jiġi evitat id-dumping kuntrattwali u l-isfruttament tal-ħaddiema, il-Ftehim Kollettiv tax-Xogħol Nazzjonali u Territorjali ffirmat mill-organizzazzjonijiet tat-trade unions l-aktar rappreżentattivi fil-livell nazzjonali jrid jiġi identifikat fid-dokumenti tal-offerti;

Or. en

Emenda 619
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jilqa' l-prijorità mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea biex tnaqqas il-piż fuq in-negozji tar-rekwiżiti ta' rapportar meħtieġa mil-liġi b'25 % u 35 % għall-SMEs; jitlob li din il-prijorità tiġi implimentata fis-setturi kollha u jitlob li l-proposti l-ġodda kollha tal-Kummissjoni jiġu vvalutati abbażi ta' jekk itejbux il-kompetittività tal-UE jew le, inkluż b'valutazzjonijiet tal-impatt robusti;

Or. en

Emenda 620

Virginie Joron, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' rekwiżiti lingwistiċi vinkolanti biex jiġi żgurat li l-persunal inkarigat mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku jkun jista' jifhem, jitkellem u jikteb bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru, jew fin-nuqqas ta' dan, bil-lingwa tar-reġjun fejn jiġi eżegwit il-kuntratt;

Or. fr

Emenda 621
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ ċiviku, inklużi osservaturi ta' partijiet terzi, f'oqsma ta' valur għoli u ta' riskju għoli biex jiġi żgurat użu effettiv tal-fondi pubbliċi u l-integrità tal-proċedura tal-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 622
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jeżiġi li l-kuntratti pubbliċi jeħtiġilhom jiġi eżegwiti prinċipalment mill-offerent rebbieħ b'ħaddiema diretti; jenfasizza li s-sottokuntrattar jista' jkun l-aktar fuq żewġ livelli u b'ġustifikazzjoni teknika biss fil-każ ta' xogħol speċjalizzat; jenfasizza li l-ħaddiema sottokuntrattati jeħtiġilhom jingħataw l-istess trattament regolatorju u tas-salarju bħal dak li jirċievu l-ħaddiema diretti tal-offerent rebbieħ; isostni li l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ jeħtiġilhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-ħaddiema sottokuntrattati fir-rigward tal-konformità mad-drittijiet u s-sikurezza tal-ħaddiema, inkluż il-ħlas tas-salarji u l-kontribuzzjonijiet;

Or. en

Emenda 623
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jappella għat-tisħiħ tal-miżuri ta' integrità, inkluża definizzjoni estiża tal-kunflitti ta' interess biex tinkludi interessi obbligatorji u dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi involuti u mekkaniżmi sikuri ta' whistleblowing;

Or. en

Emenda 624
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE; ***jiddeplora l-fatt li kien tassew reċentement li dawn l-istrumenti ġew adottati fl-Unjoni; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata r-reċiproċità fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi fil-livell internazzjonali u jappella għal użu aħjar tal-istrument ta' akkwist pubbliku internazzjonali tal-UE; jenfasizza daqstant ieħor l-possibbiltajiet li joffri r-Regolament (UE) 2023/2675 dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-esklużjoni ta' intrapriżi ta' pajjiżi terzi kkonċernati mill-akkwist pubbliku Ewropew jew il-penali fit-talbiet għal offerti pubbliċi li jiġu applikati għal dawn l-intrapriżi; jenfasizza l-burokrazija u r-ritmu kajman tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti qabel tittieħed deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ritorsjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaċċelleraw il-proċeduri;***

Or. fr

Emenda 625
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***tuża bis-sħiħ l-għodod attwali*** biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni***, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli***

pajjiżi mhux tal-UE;	***bħas-sett ta' għodod għad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni*** biex jipprevjenu kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE ***li tiddiskrimina kontra l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-UE fil-proċessi tal-akkwist pubbliku tagħhom billi jinsistu fuq ir-reċiproċità permezz tal-istrument tal-akkwist internazzjonali***; ***ifakkar li l-Unjoni tista' tillimita l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku tagħha b'rispons għall-ksur tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali, inklużi żidiet fid-dazji doganali inkompatibbli mad-WTO; iħeġġeġ ukoll biex tittieħed azzjoni deċiżiva permezz tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jappoġġja bil-qawwa l-iżvilupp ta' għodod ġodda biex jipproteġu b'mod adegwat is-suq tal-Unjoni kontra kapaċitajiet żejda mhux tas-suq;***

Or. en

Emenda 626
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE; ***jiddeplora, għalhekk, id-dgħajfien tad-Direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva kif ukoll id-Direttiva dwar ir-rapportar tas-sostenibbiltà korporattiva, li jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta u r-rapportar korporattiv minn pajjiżi mhux tal-UE mas-suq intern tal-UE; jisħaq li t-tnaqqis jew it-tneħħija ta' dawn l-atti leġiżlattivi jagħmlu ħsara lill-kapaċità ta' atturi Ewropej iżgħar biex jibqgħu kompetittivi fis-sejħiet għall-offerti tal-akkwist pubbliku;***

Or. en

Emenda 627
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jirrakkomanda li l-Kummissjoni*** tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. ***Jistieden lill-Kummissjoni*** tuża bis-sħiħ l-għodod attwali ***bħar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali*** biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE ***u tapplika prinċipju strett ta' reċiproċità fir-rigward tal-aċċess għal setturi strateġiċi tas-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE, bħall-ikel, l-enerġija u s-saħħa***; ***jemmen li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku Ewropej għandhom jipprovdu biżżejjed flessibbiltà għal trattament preferenzjali tal-kumpaniji bbażati fl-UE u l-ktajjen tal-valur fl-ekonomiji lokali u reġjonali;***

Or. en

Emenda 628
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE***, filwaqt li tirrikonoxxi ċ-ċirkostanzi uniċi tal-komunitajiet li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera tal-UE li jidħlu fi skambju ekonomiku u soċjali transfruntier regolari ma' pajjiżi terzi ġirien, jemmen li proċess ta' akkwist***

pubbliku tal-UE simplifikat u aktar kompetittiv jista' jsaħħaħ il-kompetittività globali tal-industriji Ewropej, billi jpoġġihom f'pożizzjoni aħjar biex jaċċessaw l-opportunitajiet ekonomiċi f'pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 629
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***tuża*** bis-sħiħ ***l-għodod attwali biex tipprevjeni*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***tinforza*** bis-sħiħ ***u b'mod strett il-liġijiet tal-UE li jipprevjenu*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE***, b'mod partikolari l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin***; ***ifakkar li l-pajjiżi terzi li mhumiex parti mill-GPA jew li ma kkonkludewx ftehim internazzjonali mal-UE ma jistgħux jitolbu trattament ugwali fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku kif iddikjarat fil-kawża C-652/22; jappoġġja għalhekk l-esklużjoni tagħhom;***

Or. en

Emenda 630
Leila Chaibi, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***tuża*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***tipprevjeni*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni***, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti jużaw*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***jipprevjenu*** l-kompetizzjoni inġusta minn

	pajjiżi mhux tal-UE***, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali u l-possibbiltajiet li l-offerenti barranin jiġu esklużi mill-akkwist pubbliku tal-UE***;

Or. en

Emenda 631
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Jeannette Baljeu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***tuża*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***tipprevjeni*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni***, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti jużaw*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***jipprevjenu*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE***, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali u l-possibbiltajiet li l-offerenti barranin jiġu esklużi mill-akkwist pubbliku tal-UE***;

Or. en

Emenda 632
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE; ***jitlob b'mod partikolari li jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u li japplikaw ftehimiet kollettivi konklużi mat-trade unions ma jitpoġġewx fi żvantaġġ;***

Or. en

Emenda 633
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE***, filwaqt li fl-istess ħin żżid il-volum ta' offerti transfruntiera fis-suq uniku u tiżgura li l-offerenti Ewropej ikunu jistgħu jieħdu sehem fis-sejħiet għal offerti***;

Or. en

Emenda 634
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża bis-sħiħ l-għodod attwali***, inkluż l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin,*** biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 635
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li ***l-Kummissjoni tuża*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***tipprevjeni*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;	21. Jirrakkomanda li ***l-Istati Membri jużaw*** bis-sħiħ l-għodod attwali biex ***jipprevjenu*** l-kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 636
Johan Danielsson, Adnan Dibrani, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob li d-Direttiva tagħti s-setgħa espliċita lill-Istati Membri biex, bħala regola ġenerali, jirrestrinġu s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli jew anqas f'setturi f'riskju ta' sfruttament tal-ħaddiema, frodi, infiltrazzjoni kriminali, u fejn is-sottokuntrattar joħloq riskji għas-sigurtà billi potenzjalment jagħti aċċess lil atturi antagonisti jew malizzjużi għal postijiet tax-xogħol sensittivi u infrastruttura kritika; jenfasizza li dispożizzjonijiet espliċiti bħal dawn itejbu b'mod sinifikanti t-trasparenza, jimimitgaw ir-riskji assoċjati ma' ktajjen ta' provvista kumplessi żżejjed, u jsaħħu s-salvagwardji li jipproteġu minn attivitajiet kriminali, abbużi tax-xogħol, u theddid għas-sigurtà;

Or. en

Emenda 637
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob b'mod partikolari li jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u li japplikaw ftehimiet kollettivi konklużi mat-trade unions ma jitpoġġewx fi żvantaġġ; l-iżgurar ta' kriterju ta' għoti obbligatorju sinifikanti marbut man-negozjar kollettiv, inkluż l-għoti ta' vantaġġ lill-offerenti li l-ħaddiema tagħhom, u l-ħaddiema tas-sottokuntratturi, huma koperti minn ftehimiet kollettivi, u r-rispett sħiħ għall-kundizzjonijiet definiti fil-Konvenzjoni C94 tal-ILO dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi) se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawn l-objettivi;

Or. en

Emenda 638
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jissottolinja li l-użu obbligatorju ta' kriterji ta' sostenibbiltà u soċjali fl-akkwist pubbliku huwa mod kif jiġu vvalutati l-prodotti u servizzi ta' kwalità għolja filwaqt li jiġi pprevenut id-dumping soċjali u ambjentali; jitlob lill-Kummissjoni tespandi l-Anness X attwali tad-Direttiva (UE) 2014/24 biex taġġorna l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u b'mod partikolari biex tinkludi l-konvenzjonijiet Nru 155 u Nru 187 tal-ILO dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;

Or. en

Emenda 639
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi u tiċċara l-klawżola soċjali obbligatorja fil-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE, billi tiddikjara b'mod espliċitu li referenza għal ftehimiet kollettivi qatt ma tista' titqies bħala miżura diskriminatorja f'kuntratt pubbliku;

Or. en

Emenda 640
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrakkomanda li l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi li ma kkonkludewx ftehim plurilaterali jew bilaterali mal-UE li jiggarantixxi aċċess ugwali u reċiproku għall-akkwist pubbliku jiġu esklużi mill-akkwist tal-UE f'setturi strateġiċi;

Or. en

Emenda 641
Dóra Dávid

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-opportunitajiet biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni ta' kumpaniji Ewropej fi proċessi ta' akkwist imnedija għal proġetti ffinanzjati minn istituzzjonijiet Ewropej;

Or. en

Emenda 642
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għall-kundizzjonijiet definiti fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 94 dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi) bħala parti mir-rekwiżiti minimi orizzontali;

Or. en

Emenda 643
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tobbliga lill-kuntratturi biex jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-pagi u tax-xogħol f'konformità mal-ftehimiet kollettivi prevalenti f'konformità mal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 94;

Or. en

Emenda 644
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti trattament preferenzjali għall-kumpaniji li jikkonformaw mal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv applikabbli jew li għandhom ftehimiet fil-livell tal-kumpanija, billi, pereżempju, tiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jagħtu punti għall-għoti lill-kumpaniji bi ftehimiet kollettivi u li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jagħmlu tali politiki obbligatorji;

Or. en

Emenda 645
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi u tiċċara l-klawżola soċjali obbligatorja fid-direttivi dwar l-akkwist pubbliku Ewropew, billi tiddikjara b'mod espliċitu li referenza għal ftehimiet kollettivi qatt ma tista' titqies bħala miżura diskriminatorja f'kuntratt pubbliku;

Or. en

Emenda 646
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprojbixxi minn sejħiet għal offerti pubbliċi kumpaniji li jkunu involvew ruħhom f'attivitajiet kriminali jew tfixkil tal-unions jew li rrifjutaw li jipparteċipaw f'negozjar kollettiv fi kwalunkwe ċirkostanza;

Or. en

Emenda 647
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji li jirċievu kwalunkwe finanzjament tal-UE jew appoġġ finanzjarju pubbliku jipproteġu lill-ħaddiema, jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, jirrispettaw it-trade unions u l-ftehimiet kollettivi applikabbli f'konformità mal-Konvenzjonijiet tal-ILO;

Or. en

Emenda 648
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;

22. ***Jinnota li proporzjon sinifikanti tal-kuntratti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jingħataw abbażi tal-offerta bl-orħos prezz;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE***, jew entitajiet tal-UE li fl-offerta jużaw entitajiet mhux tal-UE bħala subkuntratturi jew prodotti ta' dawn l-entitajiet mhux tal-UE,*** bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq; ***jenfasizza l-effetti negattivi tal-enfasi fuq l-orħos prezz bħala l-uniku kriterju tal-għoti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex miżuri aktar stretti dwar id-dumping; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrifjutaw l-offerti jekk l-evidenza pprovduta tonqos milli tiġġustifika b'mod adegwat il-livell anormalment baxx tal-prezzijiet;***

Or. en

Emenda 649
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva ***kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta'*** miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi ***mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-***	22. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kumpaniji ta' pajjiżi terzi ma jkunux jistgħu jiksbu vantaġġ inġust fi proċeduri ta' akkwist permezz ta' sussidji mill-Istat u li l-kompetizzjoni ġusta fis-suq ma tiġix ipperikolata bit-twaqqigħ tal-prezzijiet;*** iħeġġeġ***, għalhekk,*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva***, jistabbilixxu regoli ċari u trasparenti***

awtorizzazzjoni ta’ valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u ***l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet*** ma ***jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;***

għall-esklużjoni ta' offerenti ta’ pajjiżi terzi, u jintroduċu miżuri aktar b’saħħithom kontra offerti anormalment baxxi ***minn kumpaniji ta’ pajjiżi terzi, pereżempju billi jirrikjedu*** valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u ***jġiegħlu lill-awtoritajiet kontraenti jirrifjutaw offerta fejn l-evidenza pprovduta*** ma ***tiġġustifikax b’mod sodisfaċenti l-livell baxx tal-prezz***; ***jappella wkoll għal konverġenza fost l-Istati Membri dwar ir-regoli għall-inklużjoni jew l-esklużjoni ta’ offerenti ta’ pajjiżi terzi f’sejħiet għal offerti pubbliċi, speċjalment f’każijiet fejn il-proġetti huma (ko-)finanzjati minn fond Ewropew;***

Or. en

Emenda 650
Pablo Arias Echeverría

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta’ miżuri aktar b’saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta’ valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta’ miżuri aktar b’saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta’ valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq; ***jitlob li l-kuntratti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-fondi tal-UE jkunu soġġetti għal sistema msaħħa ta’ sorveljanza u kontroll, b’awditi regolari u aċċess pubbliku għal informazzjoni ewlenija dwar il-proċessi, inklużi kriterji tal-għażla, punteġġi u***

ġustifikazzjonijiet tal-għoti;

Or. es

Emenda 651
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra ***entitajiet mhux tal-UE*** li jisfruttaw ***is-sussidji tal-istat*** biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn ***entitajiet mhux tal-UE*** bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra ***l-entitajiet kollha*** li jisfruttaw ***il-qafas tal-akkwist pubbliku*** biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist***, bħal networks u atturi kriminali li jipprattikaw id-dumping soċjali***; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa ***mill-entitajiet kollha*** bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq***, l-ambizzjonijiet soċjali u ta' sostenibbiltà u ma jiddiskriminax kontra atturi li għandhom ftehimiet kollettivi jew li jagħtu lill-ħaddiema tagħhom paga ġusta***;

Or. en

Emenda 652
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Elisabeth Dieringer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ

inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq; ***jappella, f'dan ir-rigward, għal implimentazzjoni aħjar tar-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern;***

Or. fr

Emenda 653
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi ***mressqa*** minn entitajiet mhux tal-UE ***bħall-awtorizzazzjoni*** ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi***, inklużi dawk imressqa*** minn entitajiet mhux tal-UE, ***bħat-tisħiħ tal-kriterji ta' esklużjoni u l-awtorizzazzjoni*** ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż***, l-aderenza għal pagi ġusti, il-konformità mal-istandards tal-ILO u kondotta responsabbli tan-negozju*** u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq ***u l-istandards soċjali u ambjentali***;

Or. en

Emenda 654
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Sebastião Bugalho, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq; ***jappella għall-applikazzjoni stretta tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali biex jiġu salvagwardjati kundizzjonijiet ekwi fl-akkwist pubbliku;***

Or. en

Emenda 655
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet

mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq***, filwaqt li jiġu żgurati l-interessi tas-sigurtà nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-infrastruttura kritika***;

Or. en

Emenda 656
Klara Dostalova, Jaroslav Bžoch, Filip Turek, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi ***mressqa*** minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi***, li jistgħu jikkompromettu l-prestazzjoni jew il-kwalità; imressqa*** minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;

Or. en

Emenda 657
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva	22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva kontra entitajiet mhux tal-

kontra entitajiet mhux tal-UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;

UE li jisfruttaw is-sussidji tal-istat biex jiksbu vantaġġ inġust fil-proċessi tal-akkwist; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' miżuri aktar b'saħħithom kontra offerti anormalment baxxi mressqa minn entitajiet mhux tal-UE bħall-awtorizzazzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-ispejjeż u l-iżgurar li t-twaqqigħ tal-prezzijiet ma jdgħajjifx il-kompetizzjoni ekwa tas-suq;

Or. en

Emenda 658
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jisħaq li l-kompetizzjoni inġusta għandha impatt negattiv kemm fuq il-ħaddiema kif ukoll fuq il-kumpaniji bona fide; iqis li l-operaturi ekonomiċi li ma rrispettawx (jew li s-sottokuntratturi tagħhom ma rrispettawx) id-drittijiet tat-trade unions u tal-ħaddiema u l-obbligi tax-xogħol, inklużi ftehimiet kollettivi, jew obbligi ambjentali jew li kienu involuti fi kriminalità relatata max-xogħol jeħtiġilhom jiġu esklużi mill-proċessi ta' akkwist pubbliku; iqis ukoll li l-operaturi ekonomiċi li ma ħallsux il-pagi dovuti lill-ħaddiema tagħhom jew li jevitaw li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa jeħtiġilhom li ma jingħatawx kuntratti ta' akkwist pubbliku; jenfasizza li, sabiex tiġi promossa effiċjenza u simplifikazzjoni akbar, id-dispożizzjonijiet relatati mar-raġunijiet għall-esklużjoni għandhom jiġu ssimplifikati permezz ta' lista eżawrjenti u distinzjoni ċara bejn raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni, maħsuba biex jipproteġu interess

pubbliku, u raġunijiet fakultattivi għall-esklużjoni, maħsuba biex jipproteġu l-interessi tal-awtoritajiet jew entitajiet kontraenti;

Or. en

Emenda 659
Pierfrancesco Maran, Brando Benifei, Cecilia Strada, Raffaele Topo, Pierre Jouvet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jitlob li l-kriterji soċjali jiġu rispettati mill-operaturi ekonomiċi kollha, inklużi l-fornituri u s-sottokuntratturi, tul il-katina ta' attivitajiet kollha u li dan jiġi żgurat ukoll billi tiġi ssorveljata l-applikazzjoni tal-obbligi deskritti mid-Direttiva reċenti dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva li tistabbilixxi obbligi ċari biex jiġu indirizzati l-impatti reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent matul l-operazzjonijiet u tul il-ktajjen tal-provvista tal-kumpaniji; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku tirrikjedi li l-offerenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta bħala kundizzjoni biex jipparteċipaw f'kuntratti ta' akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 660
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Iqis li l-preferenza Ewropea trid titqies bħala prinċipju gwida importanti u ambizzjoni fit-tul tal-politiki tal-UE relatati mal-akkwist pubbliku Ewropew, sabiex jiġu żviluppati u protetti l-kompetittività Ewropea u l-awtonomija strateġika; jisħaq, madankollu, li tali preferenza ma tridx tiġi segwita bħala prinċipju assolut u għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-istatus eżistenti tal-ktajjen internazzjonali tal-provvista u tal-valur;

Or. en

Emenda 661
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jitlob li l-preferenza Ewropea titqies bħala prinċipju gwida importanti u ambizzjoni fit-tul tal-politiki tal-UE relatati mal-akkwist pubbliku Ewropew, sabiex jiġu żviluppati u protetti l-kompetittività Ewropea u l-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 662
Hanna Gedin, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella għal definizzjoni li tista' tintuża b'mod prattiku ta' "prezz

anormalment baxx" biex tgħin lill-awtoritajiet kontraenti jidentifikaw kuntratti li x'aktarx ma jipprovdux prodotti ta' kwalità għolja jew ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet soċjali;

Or. en

Emenda 663
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jemmen li t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u sanzjonijiet huwa meħtieġ biex jiġi żgurat ir-rispett tal-obbligi tax-xogħol applikabbli u l-konformità mill-operaturi ekonomiċi mal-kuntratt, kif ukoll ta' rekwiżiti oħra, u jiġi żgurat li n-nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet rilevanti jwassal għal sanzjonijiet dissważivi, inkluż it-terminazzjoni tal-kuntratt u l-esklużjoni mill-proċessi tal-akkwist; iqis li l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju adegwat biex jagħtu lill-awtoritajiet kontraenti r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 664
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi ***li jappoġġjaw*** ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali***, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività*** ekonomika ***fiċ-ċentri urbani***; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi ***ta' preferenza Ewropea, li finalment jappoġġjaw*** ir-reżiljenza ekonomika ***u soċjali u ambjentali*** reġjonali ***u Ewropea, impjiegi ta' kwalità u negozjar kollettiv***, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni ta' ħaddiema b'diżabbiltà, inkluż mekkaniżmi ta' konsultazzjoni pubblika tal-komunitajiet; jappella għall-introduzzjoni ta' obbligu fuq l-awtoritajiet kontraenti biex iwettqu analiżi fil-fond tal-bażi*** ekonomika ***lokali tagħhom (tiftix ta' sorsi ta' provvista)***; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom; ***huwa importanti li tissaħħaħ il-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jagħmlu enfasi qawwija fuq il-kriterji soċjali u ta' sostenibbiltà, inklużi dawk ambjentali u klimatiċi;***

Or. en

Emenda 665
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese, David Cormand

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali***, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani;*** jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom; ***jisħaq fuq ir-rwol li l-akkwist pubbliku li jista' jkollu għall-iżvilupp ta' politiki dwar l-ikel***

tagħhom;	***sostenibbli u b'saħħithom permezz tal-użu obbligatorju ta' kriterji ta' sostenibbiltà u dawk relatati mal-klima għal servizzi tal-catering li jippromwovu prodotti tal-ikel organiċi u mkabbra b'mod sostenibbli, inkluż billi jitqiesu xi kriterji ġeografiċi biex jiġi żgurat tiftix ta' sorsi ta' provvista lokali ta' prodotti tal-ikel primarji;***

Or. en

Emenda 666
Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Cynthia Ní Mhurchú, Morten Løkkegaard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjoni tar-rapport Draghi li meta jkun meħtieġ u possibbli fl-akkwist pubbliku għandha tintuża kwota minima espliċita għal prodotti magħżula magħmula lokalment;***

Or. en

Emenda 667
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali***, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja,*** f'dan il-kuntest, ***ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;***	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali; ***jinnota,*** f'dan il-kuntest, ***l-importanza li l-atturi offerenti bi ftehimiet ta' negozjar kollettiv u paga ġusta għall-ħaddiema tagħhom jitpoġġew f'kundizzjonijiet ugwali fis-sejħiet għall-offerti tal-akkwist pubbliku biex tiġi evitata diskriminazzjoni indiretta kontrihom; jenfasizza r-rwol tal-impjiegi ta' kwalità għar-reżiljenza ekonomika reġjonali u s-sostenibbiltà tal-ekonomija lokali***;
	Or. en

Emenda 668
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, ***li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata*** tal-attività ekonomika ***fiċ-ċentri*** urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, ***filwaqt li jikkontribwixxi għal distribuzzjoni aktar bilanċjata*** tal-attività ekonomika ***bejn iż-żoni*** urbani ***u dawk mhux urbani***; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom; ***jenfasizza li l-prattiki tal-akkwist pubbliku għandhom irawmu t-tkabbir ekonomiku mingħajr ma jiffavorixxu setturi jew reġjuni speċifiċi b'mod mhux xieraq;***
	Or. en

Emenda 669
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika ***u soċjali*** reġjonali, ***impjiegi ta' kwalità u negozjar kollettiv u*** d-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;

Or. en

Emenda 670
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom***, u tal-intraprendituri rurali żgħar***;

Or. ro

Emenda 671
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Ifittex li jiżgura*** li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi ***li jappoġġjaw*** ir-reżiljenza ekonomika reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali***, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani;*** jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. ***Jitlob*** li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi ***ta' preferenza Ewropea, li finalment jappoġġjaw*** ir-reżiljenza ekonomika ***Ewropea u*** reġjonali, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;

Or. en

Emenda 672
Petr Bystron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika ***reġjonali***, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;	23. Ifittex li jiżgura li l-akkwist pubbliku jinkorpora mekkaniżmi li jappoġġjaw ir-reżiljenza ekonomika ***nazzjonali***, id-distribuzzjoni ekwa tal-opportunitajiet u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji lokali, li se jibbilanċjaw iċ-ċentralizzazzjoni sproporzjonata tal-attività ekonomika fiċ-ċentri urbani; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-produtturi agrikoli u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;

Or. en

Emenda 673
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinsisti li l-kuntratti tal-għoti għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, li jfisser li l-offerti għandhom jiġu evalwati mhux biss fuq il-prezz iżda wkoll fuq fatturi bħall-kwalità, l-impatt reġjonali u soċjali, u l-kontinwità tal-provvista ta' servizzi kumplessi u essenzjali bħall-kura tas-saħħa lokali u reġjonali; jappella għal żvilupp ta' metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja biex nabbandunaw kriterju ta' għoti bbażat fuq il-prezz biss; jirrakkomanda li jekk kuntratt jingħata biss abbażi tal-irħas prezz, trid tingħata ġustifikazzjoni ċara; jemmen li għal setturi strateġiċi bħall-ikel, l-enerġija u s-saħħa jridu jkunu jeżistu eżenzjonijiet wesgħin biex jippermettu għotjiet strateġiċi u preferenzjali għall-kumpaniji u l-ktajjen tal-valur Ewropej;

Or. en

Emenda 674
Adnan Dibrani, Christel Schaldemose, Johan Danielsson, Maria Guzenina

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappoġġja aktar flessibbiltà fil-kooperazzjoni pubblika-pubblika, li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jaħdmu flimkien b'mod aktar effiċjenti biex itejbu l-għoti tas-servizzi u jnaqqsu l-ispejjeż; jirrakkomanda li tiġi riveduta d-definizzjoni tad-direttiva attwali ta' kooperazzjoni pubblika-pubblika biex tirrikonoxxi tali kooperazzjoni bħal

kwalunkwe kuntratt jew arranġament magħmul bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar, u biex tiġi introdotta eżenzjoni usa' għal dawn it-tipi ta' sforzi kollaborattivi fid-direttiva aġġornata;

Or. en

Emenda 675
Anna Cavazzini, Reinier Van Lanschot, Katrin Langensiepen, Alexandra Geese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jiddeplora li d-direttiva attwali ma għandhiex dimensjoni tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-reviżjoni li jmiss biex tiżgura li t-traspożizzjoni fl-Istati Membri tikkonforma mal-konvenzjonijiet tal-ILO Nru 100, u Nru 111, kif ukoll tikkonforma mad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, u d-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet; iqis li n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti għandu jitqies bħala "kriterju ta' esklużjoni";

Or. en

Emenda 676
Klara Dostalova, Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Filip Turek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza li r-rabta attwali bejn diversi direttivi dwar l-akkwist pubbliku għadha kkumplikata u toħloq eċċess serju tal-kompetenzi; jinsisti li rridu nirrestawraw limiti xierqa fuq il-kontroll

ċentralizzat billi nevitaw saffi addizzjonali ta' regolamentazzjoni li jservu biss biex jimminaw l-effiċjenza tas-suq u l-intrapriża ħielsa filwaqt li joħolqu konfużjoni kemm għan-negozji kif ukoll għall-gvernijiet lokali;

Or. en

Emenda 677
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappoġġja l-introduzzjoni fid-direttivi ta' mekkaniżmu ddedikat għat-trattament ta' offerti li mhumiex koperti minn ftehimiet internazzjonali; jappoġġja, barra minn hekk, estensjoni tas-sistema ta' preferenza stabbilita fl-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/25 għal kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti;

Or. en

Emenda 678
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jirrikonoxxi l-partikolaritajiet u r-rwol strateġiku tal-akkwist pubbliku tal-ikel biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-UE, jiġu appoġġjati l-bdiewa tal-UE u jiġu promossi drawwiet alimentari aktar tajbin għas-saħħa;

Or. en

Emenda 679
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob li r-reġjuni ultraperiferiċi jkomplu jibbenefikaw minn miżuri derogatorji ġġustifikati mill-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw dawn it-territorji;

Or. en

Emenda 680
Christian Doleschal, Marion Walsmann, Daniel Caspary, Regina Doherty, Gheorghe Falcă, Andreas Schwab, Zala Tomašič

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Josserva li l-awtoritajiet kontraenti diġà huma impenjati f'akkwist sostenibbli u li jirrispetta l-klima, iggwidat minn regolamenti komprensivi ta' sostenibbiltà fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li kriterji ESG obbligatorji joħolqu pożijiet amministrattivi addizzjonali għall-awtoritajiet kontraenti, li b'benefiċċji minimi bħala korrispettiv;

Or. en

Emenda 681
Hanna Gedin, Per Clausen, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jirrakkomanda*** l-implimentazzjoni ta' ***mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur*** u r-reżiljenza ***fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet*** fuq terminu qasir, b'mod partikolari ***f'setturi bħall-kura tas-saħħa, l-enerġija u s-sigurtà;***	24. ***Jeżiġi*** l-implimentazzjoni ta' ***akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, magħruf ukoll bħala akkwist strateġiku***, ***li jagħti prijorità lill-valur*** fit-tul, ***joħloq opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità, jippromwovi n-negozjar kollettiv u l-impjiegi ta' kwalità, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u professjonali u kundizzjonijiet aħjar għal persuni b'diżabbiltà u żvantaġġati,*** u r-reżiljenza***, inkluża r-reżiljenza ambjentali u klimatika,*** fuq ***tnaqqis*** tal-kostijiet fuq terminu qasir ***fis-setturi pubbliċi kollha***, b'mod partikolari ***fis-servizzi ta' interess ġenerali; itenni li l-oqfsa futuri dwar l-akkwist pubbliku ma jridux imissu l-possibbiltà li l-awtoritajiet pubbliċi jospitaw fornimenti interni ta' servizzi***;

Or. en

Emenda 682
Pierre Jouvet, Laura Ballarín Cereza, Elisabeth Grossmann, Idoia Mendia, François Kalfon, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann, Maria Guzenina, Brando Benifei, Pierfrancesco Maran

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jirrakkomanda l-implimentazzjoni*** ta' mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b'mod partikolari f'setturi bħall-kura tas-saħħa, l-enerġija ***u*** s-sigurtà;	24. ***Jappella għall-implimentazzjoni*** ta' mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur ***li joffru opportunitajiet ta' suq ewlieni għal prodotti li jirrispettaw l-objettivi tal-Unjoni, inklużi impjiegi ta' kwalità u negozjar kollettiv, is-sostenibbiltà ambjentali u klimatika,*** u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b'mod partikolari f'setturi ***strateġiċi għall-futur*** bħall-kura tas-saħħa u ***l-farmaċewtika,*** l-enerġija, ***il-kostruzzjoni, l-azzar, l-industrija tal-***

karozzi, is-sigurtà ***u d-difiża, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, il-5G/6G, il-bijoteknoloġiji, il-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-mobbiltà, is-sustanzi kimiċi u l-materjali avvanzati***;

Or. en

Emenda 683
Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jirrakkomanda l-implimentazzjoni*** ta' mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b'mod partikolari f'setturi ***bħall-kura*** tas-saħħa, l-enerġija ***u s-sigurtà***;	24. ***Jappella għall-implimentazzjoni*** ta' mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir ***u li joffru opportunitajiet ta' suq ewlieni għal prodotti li jirrispettaw l-objettivi tal-Unjoni***, b'mod partikolari f'setturi ***strateġiċi u għal teknoloġiji ewlenin għall-futur***, ***bħall-azzar, l-industrija tal-karozzi, l-industrija tat-trasport, il-kura*** tas-saħħa u ***l-farmaċewtika,*** l-enerġija, ***l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi, 5G/6G, il-bijoteknoloġiji, it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-mobbiltà, is-sustanzi kimiċi u l-materjali avvanzati***;

Or. en

Emenda 684
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin, Jeannette Baljeu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jirrakkomanda l-implimentazzjoni***	24. ***Jappella għall-implimentazzjoni***

ta’ mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b’mod partikolari f’setturi ***bħall-kura*** tas-saħħa, l-enerġija ***u s-sigurtà***;	ta’ mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir ***u li joffru opportunitajiet ta’ suq ewlieni għal prodotti li jirrispettaw l-objettivi tal-Unjoni***, b’mod partikolari f’setturi ***strateġiċi u għal teknoloġiji ewlenin għall-futur***, ***bħall-azzar, l-industrija tal-karozzi, il-kura*** tas-saħħa u ***l-farmaċewtika,*** l-enerġija, ***l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi, il-5G/6G, il-bijoteknoloġiji, it-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti, il-mobbiltà, is-sustanzi kimiċi u l-materjali avvanzati***;
	Or. en

Emenda 685
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta’ mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b’mod partikolari f’setturi bħall-kura tas-saħħa, l-enerġija u s-sigurtà;	24. Jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta’ mudelli strateġiċi tal-akkwist li jipprijoritizzaw il-valur u r-reżiljenza fit-tul pjuttost mit-tnaqqis tal-kostijiet fuq terminu qasir, b’mod partikolari f’setturi bħall-kura tas-saħħa, l-enerġija u s-sigurtà; ***jenfasizza l-importanza li jiġi stimulat l-investiment fl-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti l-modifika tad-durata ta’ kuntratt ta’ konċessjoni, sabiex jitqiesu l-investimenti ġodda li jsiru mill-konċessjonarju wara l-għoti;***
	Or. it